Ħarġa nru. 66 - Settembru 2012

# SPORTIV

B'XEJN ma' l-orizzont

Magazin Sportiv ta' kull xahar



**Valletta fi klassi għalihom**
f'paġna 18




**Mr. Whippy champions Ewropej**
f'paġna 35



**Neptunes għall-21 darba**
f'paġna 42

## REGATTA NAZZJONALI 2012



# L-Isla jibqgħu juru d-dominju

» Aktar f'paġna 38

• FUTBOL • WATERPOLO • MALTA FOOTBALL ASSOCIATION
• KUNSILL MALTI GĦALL-ISPORT •
• STORJA TAL-FUTBOL MALTI • POOL • SNOOKER •
• GOZO SPORT • FORMULA WIEĦED • MOTO GP •

Le MERIDIEN
ST. JULIANS HOTEL & SPA

IPPARTEĊIPA U IRBAĦ MA' LE MERIDIEN




St.Thomas Street, Luqa
**Tel**: 21 800 221 , 21 800 214 **Fax**: 21 800 225
**Email**: info@casanova.com.mt
**www.casanova.com.mt**

snaidero
CUCINE PER LA VITA



## Settembru

L-avveniment prinċipali ta' matul dan ix-xahar kien immirat fil-Port il-Kbir bir-Regatta tal-Vitorja fejn l-Isla komplew jikkonfermaw id-dominanza tagħhom f'dan l-isport.

Matul dan ix-xahar ukoll ingħata bidu għall--Kampjonati rispettivi tal-Malta Football Association filwaqt li fil-Kampjonat Premier intlagħab il-ħames programm bl-aktar partita li tispikka kienet ir-rebħa ta' Valletta fuq Hamrun Spartans bl-iskor ta' 8-2 ... b'Michael Mifsud jikser għadd ta' rekords!!

Għaldaqstant il-mistoqsija għal dan l-istaġun se tkun - Min se jwaqqaf lil Valletta milli jirbħu t-titlu għat-tielet darba konsekuttiva?

Barra minn hekk, f'dan it-tmiem il-ġimgħa jitla' s-siparju tal-basketball hekk kif tintlagħab il-Gozo Cup għaż-żewġ kategoriji (Nisa u Irġiel). Din il-kompetizzjoni se tintlagħab fil-padiljun tal-Università minħabba l-ħsarat li ġarrbu dak ta' f'Ta' Qali u ta' Għawdex kawża tal-maltempata kbira li għamlet.

SPORTIV ... l-aqwa magażin li jżommok aġġornat mal-avvenimenti sportivi lokali.

**Jesmond Moore - Editur**




# Irbaħ ma'

TeamSporT®

Wieġeb tajjeb għal din il-mistoqsija u tidħol biċ-ċans li tirbaħ wieħed mit-tliet rigali ġentilment offruti lilna minn Teamsport...

**Min rebaħ ir-Regatta tal-Vitorja?**

Ibgħat is-soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Ottubru, 2012:
**Kompetizzjoni Teamsport, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000**
Flimkien mat-tweġiba trid tikteb l-isem u l-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telephone tiegħek.

*It-tweġiba ta' Ħarġa nru. 65 hija:*
**Stati Uniti**
*u r-rebbieħa huma (1) Randall Cilia - Paola*
*(2) Tony Borg - Valletta (3) Mark Bonnici - Zurrieq*




1




2




3

SATURDAY 6th & SUNDAY 7th OCTOBER 2012

# ADOPTION *Weekend*



## GIVE A BETTER LIFE TO A DOG THAT DESPERATELY WISHES TO BE YOUR BEST FRIEND

**GHAMMIERI FARM**
**OPENING HOURS**
**10am to 4pm**

**The Animal Welfare Malta** has embarked on a mission to find the right homes for a vast number of dogs that have been rescued from a life of abuse and neglect. Currently, a total of **150 dogs** are in need of love and attention. We are reaching out to the Maltese public who are interested in adopting one of these lovely dogs.

Ministry for Resources and Rural Affairs Of Malta

THE UNDERDOG FOUNDATION OF MALTA

**FOR MORE INFO CALL: 22924113 /132**








Harġa nru **SPORTIV** 66
Magażin Sportiv ta' kull xahar

**Ippubblikat minn Union Print**
Union Print Co. Ltd
Marsa Tel: 25900265

**Editur**
Jesmond Moore
jesmondmoore@yahoo.co.uk

**Reklamar**
Alfred Caruana (Manager)
acaruana@unionprint.com.mt

Claudia Mifsud
sportivmalta@yahoo.com

**Ritratti**
Ray Attard, Charles Marsh,
Roger Azzopardi

*Cover - Is-Segretarju Parlamenti għaż-Żgħażagħ u Sport, Clyde Puli, jippreżenta l-Aggregate Shield tar-Regatta tal-Vitorja lill-klabb tal-Isla*

SPORTIV stampat fil-Union Print Co. Ltd. Marsa - Malta


# Werrej


4 **MFA**
Seminar dwar l-operat tal-MFA

14 **Malta v Armenja**
Ir-raba' telfa ta' 1-0 kontra l Armenja

15 **Italja v Malta**
Wirja eċċellenti kontra l-ġganti tal-futbol

16 **U21 Malta v Ukrajna**
Il-Maltin jisfaxxaw fil-bidu tat-tieni taqsima

18 **Premier**
Valletta fi klassi għalihom

22 **First Division**
Pietà H. u St. Andrew's b'punti massimi

23 **II/III Diviżjoni**
Jibdew il-Kampjonati

24 **Youth FA**
Il-Football Social Responsibility tkompli tingħata aktar importanza

26 **Kunsill Malti għall-Isport**
Jitqassmu l-ewwel boroż ta' studju fl isport

34 **Low Back Pain**
Jikteb Dr. Kirill Micallef Stafrace

35 **Mr Whippy**
Racing Team Champions Ewropej

38 **Regatta Nazzjonali**
Il-ħames suċċess konsekuttiv għall-Isla

40 **Gozo Sports**
Jitwaqqaf il-Klabb tas-Softballs 'Għajnsielem Redcoats'

42 **Waterpolo**
Neptunes Champions għall-21 darba

44 **Snooker/Pool**
Kampjonat Ewropew tal-U/17 għas-seba' darba, f'Jannar 2013

46 **Formula 1**
Alonso qrib ir-rebħ tat-titlu

47 **Moto GP**
Jorge Lorenzo jkabbar il-vantaġġ

48 **Storja tar-Regatta**
It-Tiġrija tal-Vitorja (1990-1999) It-Tmien Parti

50 **L-Istorja tal-Futbol Malti**
Floriana jfallu l-ewwel punt fi draw kontra Hibernians

52 **Spot the Ball u Tisliba**
Irbaħ ma' SPORTIV



**Dan il-magażin jingħata B'XEJN mal-ġurnal l-orizzont fl-aħħar Sibt ta' kull xahar u l-ebda parti minnu ma tista' tiġi kkoppjata mingħajr il-permess bil-kitba tal-pubblikaturi.**



mfa.com.mt



# Seminar dwar l-operat tal-MFA

**Huwa mportanti ħafna li organizzazzjoni kbira u kumplessa bħal ma hi l-Malta Football Association, ikollha l-għodda biex tagħmel lilha nnifisha familjari mal-uffiċjali l-ġodda li ta' kull sena jirrappreżentaw lill-klabbs u lill-Assoċjazzjonijiet membri. Bl-għan biex dawn tal-aħħar isiru jafu aktar dwar l-operat tal-għaqda, dan l-aħħar kien organizzat seminar bl-isem ta' *Getting to know the MFA*.**

Dan is-seminar sar fiċ-Ċentru Tekniku tal-MFA, fejn kienu mistiedna diversi kelliema li huma kapijiet tad-dipartimenti fi ħdan l-istess MFA u li għamlu preżentazzjonijiet interessati lil numru sabiħ ta' uffiċjali ġodda li attendew għal dan is-seminar. Is-suġġett komuni kien jittratta dwar il-koordinazzjoni u l-ħidma tal-Assoċjazzjoni għal tmexxija responsabbli għall-benefiċċju tal-klabbs u l-membri kollha tagħha.

Dawk li attendew għal dan is-seminar ingħataw il-preżentazzjonijiet kollha li saru fuq DVD li għandu jkun ta' referenza informattiva u *medium* edukattiv lill-parteċipanti kollha f'din l-attività.

F'kull preżentazzjoni, il-kelliema taw informazzjoni importanti dwar l-operat tal-MFA. Dawn il-kelliema kienu l-istess persuni li kuljum iwettqu l-ħidma tagħhom fil-kwartieri tal-MFA. Huma spjegaw kemm huwa mportanti li l-uffiċjali jkunu jafu tajjeb kif tiffunzjona l-MFA għall-ġid tal-futbol f'Malta u Għawdex.

Alfred G. Cachia, l-Education & Activities Officer li ħa ħsieb l-organizzazzjoni ta' dan is-seminar, irringazzja lil dawk kollha li taw is-sehem tagħhom u jemmen li dan is-seminar kien esperjenza ġdida għal kulħadd.

Is-seminar infetaħ b'diskors ta' introduzzjoni mill-Kap Eżekuttiv,



Delegati tal-klabbs membri u mpjegati tal-MFA waqt is-seminar

Bjorn Vassallo, u wara saru preżentazzjonijiet minn Mario Gauci (dwar il-liċenzji tal-klabbs), Ivan Calamatta (ir-registrazzjonijiet tal-plejers), Franz Tabone (l-integrità fil-logħba), l-Avukat Chris Bonett (l-aspett legali), Rodney Pisani (id-dipartiment tal-kompetizzjonijiet), Adrian Borg (match operations), Ivan Mizzi (finanzi), Robert Gatt (iċ-Ċentru Tekniku) u finalment Dermot Galea informa lill-membri bil-ħidma li ssir kuljum fis-swimming pool li hemm fil-Millennium Stand, f'Ta' Qali.

Huwa maħsub biex dan is-seminar isir kull sena, propju ftit ġimgħat wara l-Laqgħa Ġenerali Annwali tal-MFA, f'perjodu meta jkunu magħrufa l-uċuħ ġodda li se jirrapreżentaw lill-klabbs u l-assoċjazzjonijiet membri.

Celebrating a Decade of

Thinking Outside the Stocks.

What began with the first in-house MT4 bridge has developed into a multifaceted suite of innovative technologies that empower you to make the most of any trading environment.

FXDD

Your Money, Empowered.

HIGH RISK WARNING: Foreign exchange trading carries a high level of risk that may not be suitable for all investors. Leverage creates additional risk and loss exposure. Before you decide to trade foreign exchange, carefully consider your investment objectives, experience level, and risk tolerance. You could lose some or all of your initial investment; do not invest money that you cannot afford to lose. Educate yourself on the risks associated with foreign exchange trading, and seek advice from an independent financial or tax advisor if you have any questions.

Licensing statement FXDD Europe: FXDD Malta Limited is licensed to provide investment services by the Malta Financial Services Authority. Registered office: K2, 1st Floor, Forni Complex, Valletta Waterfront, Floriana FRN 1913. Malta

ADVISORY WARNING: FXDD provides references and links to selected blogs and other sources of economic and market information as an educational service to its clients and prospects and does not endorse the opinions or recommendations of the blogs or other sources of information. Clients and prospects are advised to carefully consider the opinions and analysis offered in the blogs or other information sources in the context of the client or prospect's individual analysis and decision making. None of the blogs or other sources of information is to be considered as constituting a track record. Past performance is no guarantee of future results and FXDD specifically advises clients and prospects to carefully review all claims and representations made by advisors, bloggers, money managers and system vendors before investing any funds or opening an account with any Forex dealer. Any news, opinions, research, data, or other information contained within this website is provided as general market commentary and does not constitute investment or trading advice. FXDD expressly disclaims any liability for any lost principal or profits without limitation which may arise directly or indirectly from the use of or reliance on such information. As with all such advisory services, past results are never a guarantee of future results.




# Resident minn Birkirkara jimmarka l-1,000 persuna li daħal fil-paġna Facebook tal-MFA

*Il-Facebook uffiċjali tal-Malta Football Assocaition qed isir ferm popolari, tant, li qed jattira l-attenzjoni bil-konsegwenza li n-numru ta' msieħba ġodda dejjem qiegħed jikber.*

Dan in-network uffiċjali tal-Assoċjazzjoni qabeż in-numru ta' elf persuna li togħġobhom din il-paġna tal-facebook tal-MFA - Malta Football Association 1900.

Din hija inizjattiva li għandha tkabbar in-numru ta' aktar nies li jidħlu fil-paġna biex isegwu mill-viċin l-avvenimenti kontinwi li toffri u torganizza l-MFA. Fl-istess paġna jitpoġġew l-aħħar aħbarijiet dwar l-MFA u t-timijiet nazzjonali. Wieħed jista' jibgħat ukoll messaġġi u jistaqsi dwar l-Assoċjazzjoni u l-operat tagħha.

Antonello Cuschieri, residenti f'Birkirkara, kien l-1,000 persuna li għafas *Like* dwar din il-paġna. B'hekk Cuschieri se jingħata flokk tat-tim nazzjonali mill-MFA sabiex jibqa' mfakkar li hu kien l-1,000 persuna li daħal fil-paġna Facebook tal-MFA.






# Ippremjati r-rebbieħa tal-cruise permezz tal-Goal Card

Ir-rebbieħ tal-ewwel premju tal-Goal Card huwa Kevin Sammut mill-Gżira li kien ippreżentat b'voucher għall-cruise fil-Mediterran għal żewġ persuni.

Il-preżentazzjoni saret fuq l-MSC Splendida, li kien sorġut fil-Port il-Kbir, minn Jonathan Vella, General Manager tas-Sales għal Hamilton Travel Ltd. li huma l-aġenti lokali tal-Grupp MSC, f'Malta.

Is-sur Vella, f'isem Hamilton Travel Ltd., kien l-isponsors tal-ewwel premju ta' din il-kampanja, qal li l-kumpanija hija kburija li qed tisponsorja din l-inizjattiva ġdida mill-MFA.

Hu awgura cruise diverteni lill-koppja rebbieħa u qal li qed iħarsu 'il quddiem li jkomplu jappoġġaw inizjattivi ta' din ix-xorta mill-MFA.

Preżenti għal din il-preżentazzjoni kien hemm ukoll Norman Saliba, MFA Head of Marketing, li rringrazzja lil Hamilton Travel għall-appoġġ li qiegħed jagħti għall-kampanja tal-Goal Card.

Huwa rringrazzja wkoll lil dawk il-partitarji kollha li ħadu l-opportunità ta' din l-offerta vantaġġjuża u xtraw il-GOAL CARD - l-ewwel waħda tax-xorta tagħha introdotta mill-MFA għal-logħbiet tat-tim nazzjonali.

Is-Sur Saliba rringrazzja wkoll lil Miles Express Limited biex il-cards twasslu fid-djar ta' dawk li għamlu użu minn din l-opportunità.

AQUATONE CLASSES

Every Thursday
6pm till 7pm

MFA SWIMMING POOL - TA' QALI

Further info and booking
2338 6440 or
dermot.galea@mfa.com.mt

MFA Swimming Pool Ta' Qali





# L-MFA se torganizza kors ieħor tal-UEFA A





Taħriġ u korsijiet fiċ-Ċentru Tekniku tal-MFA

**Fil-ġimgħat li ġejjien ċ-Ċentru Tekniku tal-MFA se jerġa' jorganizza kors ieħor tal-UEFA A. Dan il-kors se jkun mifrux fuq tmien sessjonijiet differenti li l-parti kbira tagħhom se ssir fi tmiem il-ġimgħa u mifruxa fuq perjodu ta' tmien xhur bejn Ottubru 2012 u Mejju 2013.**

**Is-sessjonijiet kollha se jsiru f'dawn id-dati:**

- L-ewwel sessjoni mid-19 sal- 21 ta' Ottubru, 2012
- It-tieni sessjoni mit-23 sal-25 ta' Novembru, 2012
- It-tielet sessjoni mis-7 sad-9 ta' Diċembru, 2012
- Ir-raba' sessjoni mill-25 sas-27 ta' Jannar, 2013
- Il-ħames sessjoni mit-22 sal-24 ta' Frar, 2013
- Is-sitt sessjoni mill-15 sas-17 ta' Marzu, 2013
- Is-seba' sessjoni mid-19 sal-21 ta' April, 2013
- It-tmien sessjoni mis-17 sad-19 ta' Mejju, 2013

Wara l-għeluq tad-data tal-applikazzjonijiet li kienet l-ewwel ġimgħa ta' Settembru, dawk li applikaw ġew eżaminati għall-għażla finali skond il-kriterji taċ-Ċentru Tekniku tal-MFA.

Dawk interessati li jinkitbu għal dan il-kors riedu bilfors ikunu qiegħdin fit-tmexxija ta' tim tal-futbol minn taħt is-17-il sena 'il fuq u kif ukoll li għandhom tagħrif bażiku tal-lingwa Ingliża. Dan minħabba li l-eżami tat-teorija se jkun bl-Ingliż anke jekk il-kors se jkun kemm bl-Ingliż u kif ukoll bil-Malti.

Matul l-aħħar sentejn iċ-Ċentru Tekniku tal-MFA ħadem bla heda biex il-korsijiet isiru b'aktar frekwenza u biex aktar kowċis jagħżlu li jinkitbu u eventwalment jakkwistaw liċenzji varji. Is-suġġett tal-Coach Education huwa prijorita' għall-MFA għaliex dan jistabillixxi l-kwalita' edukattiva u jsaħħaħ l-iżvilupp tal-plejers tal-futbol minn etajiet żgħar.

# Attività oħra suċċess b'risq il-futbol tan-Nisa

Permezz tad-Dipartiment tagħha tal-Futbol tan-Nisa flimkien maċ-Ċentru Tekniku, l-MFA organizzat il-Fun Football Festival għall-bniet ta' bejn id-9 u t-18-il sena fis-Centenary Stadium, fl-10 ta' Settembru. Din l-attivita' kienet parti mill-kampanja *'GET INTO FOOTBALL gain confidence beyond the field'*.

Din kienet opportunità oħra għall-bniet li jilagħbu l-futbol biex igawdu f'atmosfera ta' gost u pjaċir imma fl-istess waqt f'ambjent li fih jistgħu juru t-talent tagħhom.

Din l-attività damet sejra sagħtejn u l-parteċipanti kollha setgħu jingħaqdu flimkien f'isem l-isport tant popolari – il-futbol.

Barra minn hekk, ingħata inċentiv permezz ta' rigal lil dawk il-bniet li ressqu xi ħabiba tagħhom lejn il-logħba. Fil-fatt, peremzz ta' din l-iskema, 25 tifla li diġà kienu jilagħbu l-futbol kellhom ħabiba magħhom.

Għal dan il-festival kien hemm total ta' 150 tifla li 25 minnhom qatt ma kienu nvoluti f'xi attività tal-futbol qabel.

Dan l-avveniment kien miftuħ għall-parteċipanti b'kapaċitajiet differenti li jibdew mill-*beginners* sal-*elite* u li jifformaw parti mill-Akkademja tal-MFA.

Il-*coaching* ta' din l-attività tmexxa mill-kowċis nazzjonali tat-timijiet tal-MFA, mill-kowċis tal-Akkademja u mill-plejers tat-tim nazzjonali tan-Nisa flimkien mal-kowċis tal-klabbs. Dan il-ġest kien ferm apprezzat għas-sehem li taw biex ikun hemm titjib fil-futbol tan-Nisa. Anki l-ġenituri tat-tfal u bosta *helpers* taw is-sehem tagħhom f'din l-attività.

Il-parteċipanti kollha u l-ġenituri tagħhom, flimkien ma' numru kbir ta' bniet min-Nurseries u l-plejers tat-tim nazzjonali tan-Nisa, ipparteċipaw bis-sħiħ f'dan l-avveniment ikkulurit f'ġurnata sabiħa minn kull aspett.

***Dan il-festival kellu l-appoġġ tal-FIFA, filwaqt li l-General Soft Drinks ipprovdew l-ilma lill-parteċipanti kollha.***





Diversi Bniet waqt l-avveniment li sar f'Ta Qali



# Appoġġ sħiħ mill-MFA biex ulied immigranti rregolari jilgħabu l-futbol f'Malta

Il-kelliema waqt il-Knnferenza Stampa mal-ġurnalisti

**Minn dan l-istaġun, ulied immigranti rregolari ta' bejn is-6 u s-16-il sena li kienu daħlu Malta mingħajr id-dokumenti meħtieġa, se jitħallew jirreġistraw u jilagħbu fil-kompetizzjonijiet u l-festivals tal-Youth FA. L-MFA tat l-appoġġ sħiħ tagħha għal din id-deċiżjoni u r-regoli ġodda li ħabbret il-Youth FA.**

*Biex dawn it-tfal ikunu rreġistrati biex ikunu jistgħu jieħdu sehem, iridu qabel xejn ikunu rikonoxxuti mill-Gvern Malti. Din ir-regola ġdida ġiet approvata unanimament mill-Kunsill tal-Youth FA bħala parti mill-programm tar-Responsabilitajiet Soċjali tal-Futbol fin-nurseries.*

Fr Hilary Tagliaferro, president tal-Youth FA, qal li din ir-regola se tibdel il-mentalità ta' kif inħarsu lejn dawn il-persuni. Huwa qal li għall-bidu ma kienux irrealizzaw bl-implikazzjonijiet sakemm l-Assoċjazzjoni ffaċċjat każ partikolari fejn tifel (minn dawn l-immigranti llegali), li kien jattendi f'waħda min-Nurseries, ma setax jieħu sehem fil-kompetizzjonijiet minħabba l-mod ta' kif kienu jistipulaw ir-regoli. Fr Hilary saħaq li l-filosofija tal-Youth FA hi li kull tifel għandu d-dritt li jilgħab il-futbol, irrispettivament il-kulur tiegħu.

Minn dan l-istaġun, il-Youth FA se tintroduċi l-formola SFR (Special Permission Form) fejn tfal ta' immigranti irregolari jkunu jistgħu jirreġistraw ma' klabb jew nursery ladarba jippreżentaw ittra oriġinali minn wieħed mill-bordijiet tal-immigranti rikonoxxuti mill-gvern.

Din il-formola ta' reġistrazzjoni ma ġġorrx magħha xi tip ta' kumpens jekk xi tifel irreġistrat ikun irid jibdel il-klabb fi tmiem l-istaġun. U biex ma jkunx hemm abbużi, minn din ir-regola ġdida, mhux se jitħallew li jilagħbu aktar minn żewġ plejers fl-istess mument waqt il-kompetizzjonijiet U/17, U/15 u U/13 li torganizza l-Youth FA.

Fr Hilary qal li dan huwa perijodu mportanti ħafna għall-Youth FA għaliex, permezz ta' din l-inizjattiva li għandha l-appoġġ sħiħ tal-MFA, qed jgħinu lil dawn it-tfal sfortunati jintegraw aktar ruħhom fil-klabbs tagħna.

Il-Kap Eżekuttiv tal-MFA, Bjorn Vassallo, qal li l-messaġġ li rridu nwasslu għandu jkun wieħed ta' solidarjetà kontinwa u li permezz tal-futbol nistgħu nibdlu l-mentalità ta' dawk in-nies li sfortunatament għad għandhom ħsieb ħażin dwar dawn l-immigrati. Vassallo żied li l-plejers tal-futbol m'għandhomx ikunu diskriminati minħabba kulur, reliġjon jew minħabba l-istatus tagħhom.

Is-Sur Vassallo, appella lil kull min huwa nvolut fil-futbol biex jara li l-obbligazzjonijiet soċjali kollha jitwettqu anke f'dan ir-rigward permezz tal-futbol.

Is-Segretarju tal-Youth FA, Joe Micallef, tenna li l-Youth FA diġà kellha tliet applikazzjonijiet għal reġistrazzjonijiet speċjali u kienet qed tistenna li fil-jiem li ġejjin ikollha aktar applikazzjonijiet.

Fid-diskors tiegħu, is-Segretarju Parlmentari għaż-Żgħażagħ u Sport, Clyde Puli, faħħar din l-inizjattiva li se tagħti l-opportunità u d-dritt biex dawn it-tfal jilagħbu fil-kompetizzjonijiet tal-Youth FA ... għax id-drittijiet umani jitkellmu kontra kull xorta ta' diskriminazzjoni kif ukoll huma promoturi ewlenin tal-integrazzjoni soċjali u rispett sħiħ lejn l-integrità umana. Huwa sostna wkoll li kulħadd irid jaħdem biex din l-isfida għal pajjiżna tinbidel f'opportunità.

Min-naħa tiegħu, il-kelliemi Laburista għall-isport u l-NGO's, Chris Agius, qal li dan huwa pass importanti li kulħadd irid jaħdem fuqu għax l-isport verament jgħaqqad lil kulħadd. Barra minn hekk irridu nitgħallmu li nintegraw u naċċettaw lil kulħadd għax dan mhux biss jagħmel ġid lil-logħba tal-futbol iżda lis-soċjetà kollha in ġenerali.




# Malta
## tipparteċipa fil-Eurocamp 2012

**Erba' żgħażagħ mill-akkademji tas-subien u l-bniet tal-MFA, Owen Amato, Joseph Mbong, Emily Pace u Rachelle Borg, kienu r-rappreżentanti ta' Malta waqt il-Eurocamp, 2012, li sar f'Wroclaw, fil-Polonja bejn it-28 ta' Awwissu u t-2 ta' Settembru.**

Il-parteċipanti kienu akkumpanjati minn Joe Mallia, segretarju tal-Coaches and Education Development fiċ-Ċentru Tekniku tal-MFA.

Dan l-avveniment organizzat mill-UEFA u mill-Unjoni Ewropea attira aktar minn 250 parteċipant minn 53 federazzjoni tal-UEFA u kien jikkonsisti fi programm ta' erbat ijiem ta' workshops li kienu jinkludu diversi suġġetti fosthom Healthy Eating, Social Integration, Respect, Team Building u kif ukoll tournament 4-a-side bbażat fuq il-kunċett tal-UEFA Street Football.

Is-Centennial Hall fil-belt Pollakka ta' Wroclaw, li hija wkoll sit tal-UNESCO Heritage, kien il-post fejn saru tliet proġetti tal-futbol. Saru wkoll *workshops* għad-delegati kollha li akkumpanjaw liż-żgħażagħ.

Matul dan il-programm il-parteċipanti għamlu żjarat kulturali f'Wroclaw u ż-Zoological Gardens. Saret ukoll lejla kulturali fejn il-pajjiżi kollha taw preżentazzjoni dwar l-organizzazzjonijiet u l-wirt lokali li ttellgħu fl-awditorium tal-Akkademja tal-Edukazzjoni Fiżika.

L-esperjenza li kisbu r-rappreżentanti Maltin f'dan il-Eurocamp hu konformi mal-miri edukattivi li għamel iċ-Ċentru Tekniku tal-MFA għaż-żewġ akkademji.






# Referees Maltin

## jikkontrollaw logħbiet mill-Kampjonati differenti



Esther Azzopardi

Wara l-inizjattiva tas-sena li għaddiet, fejn uffiċjali minn Malta u oħrajn minn bosta pajjizi madwar l-Ewropa kkontrollaw logħbiet mill-Kampjonati tal-pajjiżi opposti, id-Dipartiment tar-Referees tal-MFA u l FA tal Irlanda ta' Fuq komplew b'dan il programm matul dan ix-xahar.

Ir-*referee elite*, Adrian Azzopardi, mgħejjun minn Mariano Debono FIFA *assistant* u Roberto Vella *elite assistant referee* u Paul Caruana li kien ir-raba' uffiċjal, ikkontrollaw il-partita bejn Linfield u Donegal Celtic, f'Windsor Park, f'Belfast.

L-għada, kien imiss lil Paul Caruana li jikkontrolla l-logħba bejn Lisburn Distillery u Crusaders, fin-New Grosvenor Stadium, f'Ballyskeagh. L-*assistant referees* kienu l-istess Roberto Vella u Mariano Debono filwaqt li Adrian Azzopardi kellu r-responsabbiltà tar-raba' uffiċjal.

Issa, f'Otturbu jkun imiss lill-uffiċjali mill-Irlanda ta' Fuq biex jiġu Malta u jikkontrollaw logħbiet mill-BOV Premier League.

Fil-ġimgħat li għaddew kien hemm attività simili għar-referees Maltin li se marru jikkontrollaw logħbiet fil-Kampjonati tal-Latvja, fosthom l-*elite referee* Mario Apap flimkien mal-assistant *referees* Edward Spiteri u Thomas Debono. Dawn tal-aħħar ikontrollaw il-logħba bejn FK Spartaks u FC Jurmala. l-Lussemburgu, Wales u l-Irlanda.

**Impenji oħra internazzjonali**

Ir-referee Malti tal-FIFA, Alan Mario Sant, reġa' nħatar mill-UEFA biex jikkontrolla logħba oħra mill-Kampjonat Ewropew ta' Taħt il-21 sena. Huwa kkontrolla l-logħba bejn id-Danimarka u l-Irlanda ta' Fuq, f'Aalboerg Stadion, fejn kien mgħejjun mill-assistant referees, Ingmar Spiteri u Paul Apap.

Paul Caruana kien ir-raba' uffiċjal u għalih din kienet l-aħħar logħba kompetittiva tal-UEFA li seta' jieħu sehem fiha minħabba li laħaq l-età ta' 45 sena.

Marco Borg, referee internazzjonali ieħor Malti fuq il-panel tal-FIFA, ikkontrolla l-logħba tat-Tazza tad-Dinja bejn Liechtenstein u Bosnja Herzegovina li ntlagħbet, f'Vaduz. Huwa kien mgħejjun mill-assistenti referees tal-FIFA, Ingmar Spiteri u Mitchell Scerri, bir-raba' uffiċjal ikun Alan Mario Sant.

Anke r-referee internazzjonali Malti tal-Futsal, Franco Cachia, intgħażel mill-UEFA biex jikkontrolla fil-Latvja mini-tournament mill-Futsal Cup 2012-13. Referees mill-Italja, l-Isvizzera u l-Kazakhstan, kienu r-referees l-oħrajn li għażlet il-UEFA biex flimkien ma' Cachia jikkontrollaw il-logħbiet ta' dan it-tournament.

Ir-Referee Esther Azzopardi kienet appuntata biex tikkontrolla logħba minn Grupp 6 tal-European Women's Championship bejn l-Ingilterra u l-Kroazja, liema logħba intlagħbet fil-Bank Stadium ta' Walsall.

Finalment grazzi għar-relazzjonijiet eċċellenti bejn l-MFA u l-FIGC, żewġ referees tal-Futsal Clinton Cassar u Stefan Pace ipparteċipaw fit-taħriġ annwali li għalih jattendu ir-referees Taljani tal-Futsal kull sena. Dan it-taħriġ isir fil-Ċentru Sportiv ta' Sportilia fir-reġjun ta' Emilia Romagna.



Mario Alan Sant flimkien mall-uffiċjali oħra Maltin




Il-Parteċipanti kollha flimkien mall-uffiċjali mid-dipartiment tar-referees u l-MFRA

# Tlieta u tletin uffiċjal ħadu sehem f'seminar għal referees żgħar

**Tlieta u tletin uffiċjal mill-kategoriji tat-tieni, it-tielet u r-raba' klassi, attendew seminar ta' tlitt ijiem għal referees żgħar. Dan sar qabel beda l-istaġun f'Mount St. Joseph, f'Targa Gap, fil-Mosta. Fost il-parteċipanti kien hemm seba' gradwati ġodda mill-Akkademja tar-Referees.**

Ir-Referee Development Officer, Victor Mintoff, ta merħba lill-parteċipanti b'diskors ta' introduzzjoni li spjega lil dawn l-uffiċjali bit-tibdil li qed isir mid-Dipartiment tar-Referees tal-MFA biex f'pajjiżna jkollna l-ogħla livell ta' *refereeing* . Huwa qal li dan is-seminar sar f'mument opportun qabel jiftaħ l-istaġun biex ir-regoli tal-logħba jkunu applikati bl-istess mod minn kulħadd.

Tkellem ukoll Adrian Casha, id-Direttur tar-Referees tal-MFA, li tkellem dwar l-importanza tal-perseveranza u kif *referee* għandu jiffaċċja l-mumenti diffiċli fil-karriera li, bħal kollox fil-ħajja, għandha l-inżul u t-tlugħ tagħha. Huwa nkoraġixxa lill-parteċipanti biex ikunu dejjem ippreparati fiżikament u mentalment biex jieħdu l-benefiċċju sħiħ tal-opportunitajiet li jiġu fid-direzzjoni tagħhom.

Victor Mintoff u Adrian Casha kienu l-kelliema fl-ewwel jum tas-seminar. Fit-tieni jum tas-seminar Charlie Agius, iċ-Chairman tal-Kumitat tar-Referees, tkellem dwar it-taħdita ta' qabel kull logħba u l-ħtieġa ta' koperazzjoni u komunikazzjoni bejn l-uffiċjali tal-logħba. Philip Agius, li jispeċjalizza bħala *assistant referee*, tkellem dwar kif għandha tkun determinata r-regola tal-offside.

Kelliem ieħor kien Tom A. Restall, is-Segretarju tal-Kumitat tar-Referees, li fisser lill-parteċipanti l-emendi tar-regoli tal-logħba u dwar ir-responsabbiltaijiet tar-*referees*, l-*appointments* u r-rapporti tal-logħba.

Saru wkoll interventi minn Alexander Arena, ir-Recruitment u Retention Officer u minn Ronald Zammit, il-Coach tal-Fitness tar-*referees*.

Lejn tmiem it-tieni jum tas-seminar, it-33 uffiċjal ittieħdu fl-Istadium Nazzjonali biex isegwu l-logħba bejn Hibernians u Qormi mill-Kampjonat BOV Premier fejn kull wieħed minnhom intalab jidentifika tliet punti pożittivi mill-kontroll tal-uffiċjali.

L-għada filgħodu, l-uffiċjali ta' din il-logħba flimkien ma' Gjergji Bitri, li kien l-osservatur tal-istess logħba, analizzaw fid-dettal il-kontroll tar-*referee*.

***Kelliema oħra fl-aħħar sessjoni tas-seminar kienu Saviour Darmanin u Gaetano De Gabriele filwaqt li Victor Mintoff għalaq dan is-seminar.***

Dan is-seminar kien organizzat mid-Dipartiment tar-Referees bil-kollaborazzjoni tal-Malta Football Referees Association.



*Andrew Cohen jgħaddi minn bejn Sargis Hovsepyan u Levon Hayrapetyan (Armenja)*

# Ir-raba' telfa ta' 1-0 kontra l-Armenja minn daqstant partiti

Malta fetħet l-impenji tagħha fir-rawnd preliminari tat-Tazza tad-Dinja, 2014, b'mod negattiv meta fl-Istadium Nazzjonali sfat megħluba bl-iskor ta' 1-0 mill-Armenja ... li kien ir-raba' wieħed identiku minn daqstant konfronti bejn iż-żewġ timijiet.

Fil-verità, il-wirja tal-Maltin kienet waħda diżappuntanti kontra avversarji li stajna għelibna. Iżda konna neqsin mill-kreattività biex matul id-90 minuta rari mpenjajna lill-gowlkiper Armen.

L-avversarji dehru atletikament u fiżikament aħjar minna, li iżda, kienu neqsin mit-teknika. Il-partita ntrebħet minħabba li l-Armeni laħqu dejjem fuq il-ballun (qabilna) fejn użaw ukoll il-veloċità mal-faxex laterali.

Min-naħa tal-Maltin, dehru wisq "imsammrin" mal-art, bl-uniku attakkant Michael Mifsud kien kontinwament immarkat bejn żewġ difensur biex ma tantx seta' jimmanuvra.

It-tliet plejers li ddistingwew lilhom infushom kienu l-gowlkiper Andrew Hogg (li kien determinanti biex it-telfa tibqa' waħda minima), id-difensur Andrei Agius u l-midfielder Roderick Briffa.

Wara bidu kwiet, l-Armeni bdew kull ma jmur ikunu perikolużi, u resqu l-ewwel darba viċin fis-16-il minuta b'tentattiv mill-bogħod ta' Marcos Pizzelli, bil-ballun jgħaddi ftit għoli.

Ir-risposta Maltija waslet fis-26 minuta meta f'azzjoni ta' kontrattakk, Gareth Sciberras għadda lejn Daniel Bogdanovic li, wara li ħarab fuq il-lemin, xeħet kross lejn Michael Mifsud, bil-ballun jixxellef ma' difensur Armen qabel niżel fuq ix-xibka.

Man-nofs siegħa logħob l-Armeni resqu ferm viċin li jifthu l-iskor b'xutt perikoluż ta' Pizzelli, bil-ballun ikun salvat parzjalment mill-gowlkiper Malti, Andrew Hogg, biex fuq il-linja fatali kien Alex Muscat li ħeles mill-periklu.

Fit-tieni taqsima l-Armenja baqgħu l-aħjar tim fil-grawnd u fit-52 minuta reġa' kien attent il-gowlkiper Malti, Andrew Hogg, li forsi lagħab l-aħjar logħba tiegħu bil-flokk nazzjonali, li f'żewġ tentattivi salva xutt mill-bogħod ta' Aras Ozbiliz.

Finalment, fis-70 minuta, wasal l-uniku gowl li ddeċieda l-konfront ... b'konklużjoni mill-viċin ta' ARTUR SARKISOV, li kien għadu dieħel bħala sostitut sitt minuti qabel, wara kross preċiż minn fuq ix-xellug ta' Yura Movsisyan.

Fil-85 minuta, l-Armenja għal ftit ma kabbrux l-iskor iżda reġa' kien strumentali Hogg fil-lasta tal-Maltin li bi ġmiel ta' save żamm xutt b'saħħtu mill-viċin ta' Henrikh Mkhitaryan wara freekick ta' Aras Ozbiliz.

*Il-formazzjoni inizjali Maltija*



## Rawnd Preliminari

**07.09.2012 - 20.00 hrs**

| | |
|---|---|
| **Malta** | **0** |
| **Armenja**<br>A. Sarkisov 70 | **1** |

HT 0-0 **National Stadium**

**Malta** – Andrew Hogg, Alex Muscat, Gareth Sciberras, Andrei Agius, Luke Dimech, Daniel Bogdanovic, Roderick Briffa (Shaun Bajada 85), Michael Mifsud, Andrew Cohen (Ryan Fenech 74), Andre Schembri, Steve Borg

*Coach* – Pietro Ghedin

**Armenja** – Gevorg Kasparov, Sargis Hovsepyan, Robert Arzumanyan (Valeri Aleksanyan 79), Hrayr Mkoyan, Artak Yedigaryan (Davit Manoyan 52), Henrikh Mkhitaryan, Karlen, Mkrtchyan, Levon Airapetian, Aras Ozbiliz, Marcos Pizzelli (Artur Sarkisov 64), Yura Movsisyan

*Coach* – Vardan Minasyan

Referee – Rene Eisner (Awstrija)

Assistenti – Klaus Strasser, Richard Huebler (Awstrija)

Raba' Uff. – Gerhard Grobelnik (Awstrija)

Ammoniti – G. Sciberras, L. Dimech (M), H. Mkoyan, S. Hovsepyan (A)



# Wirja eċċellenti kontra l-ġganti tal-futbol



*Fuq: Edward Herrera (Malta) jattakka lil Pablo Osvaldo (Italja) u Lemin: Andrea Barzagli (Italja) jittakilja lil Michael Mifsud (Malta)*

B'wirja eċċellenti, it-tim nazzjonali Malti safa megħlub mill-Italja, bl-iskor ta' 2-0, ... li kien it-tieni konfront mill-preliminari tat-Tazza tad-Dinja, 2014.

Konxji mil-limitazzjonijiet tagħna, it-Taljani ħarġu għal goleada iżda finalment rebħulna b'gowl kull taqsima minn żewġ uċuħ relattivament ġodda, jiġifieri Mattia Destro u Federico Peluso. Ħasra li f'wirja kbira għall-plejers Maltin sofrejna gowl kmieni fil-logħba u ieħor ftit sekondi qabel it-tisfira finali.

Wirja kbira reġa' kellu l-gowlkiper Malti, Andrew Hogg li kkonferma li għaddej minn forma mill-aqwa. Wieħed iżda jista' jistqarr li l-kumplament tal-plejers Maltin kollha qamu għall-okkażjoni f'dik li potenzjalment għalihom kienet l-aktar logħba mportanti fil-karriera tagħhom kontra stilel mondjali bħal Gianluigi Buffon, Andrea Pirlo u Claudio Marchisio.

Din il-logħba tista' titqies bħala waħda mill-aqwa logħbiet li lagħab it-tim nazzjonali fl-aħħar snin, fejn minkejja l-qawwa tal-avversarji, kellna l-mumenti tagħna u anke f'xi okkażjonijiet konna ta' theddida għad-difiża Taljana.

Il-logħba ntlgħabet, f'Modena, fir-reġjun ta' Emilia Romagna li f'Mejju li għadda ntlaqat minn terremot qawwi li ħalla numru ta' vittmi.

Il-kowċ Taljan, Cesare Prandelli, għamel ħames bidliet mid-draw ta' 2-2 kontra l-Bulgarija, erbat ijiem qabel. Fuq il-linji laterali, Mattia Cassani u Federico Peluso bdew minflok Christian Maggio u Emanuele Giaccherini, f'nofs il-grawnd Antonio Nocerino ħa post l-imweġġa' Daniele De Rossi, waqt li fl-attakk kien hemm spazju għal Alessandro Diamanti u Mattia Destro.

Min-naħa tiegħu, il-kowċ nazzjonali Malti, Pietro Ghedin, wettaq bidla waħda mit-telfa ta' 1-0 kontra l-Armenja fejn il-Karkariż, Edward Herrera ħa post Andrew Cohen f'sistema tattika ta' 4-4-1-1 għal Malta.

It-Taljani ħarġu għal gowl kmieni li wasal, fil-ħames minuta, meta ballun fit-tul tal-Juventin Claudio Marchisio sab lil MATTIA DESTRO li għeleb in-nasba tal-offside, avvanza waħdu biex għeleb lil Andrew Hogg.

Fil 11-il minuta, kien l-istess gowlkiper Malti li b'save stupend dawwar f'corner il-freekick minn fuq il-lemin ta' Alessandro Diamanti. Mal-ħin, il-plejers Maltin bdew jikbru fl-istatura biex saħanistra bdew jiffrustraw anke lill-plejers avversarji.

F'ċans rari, man-nofs siegħa logħob, Michael Mifsud ħasad lil kull min kien fi Stadio Braglia b'konklużjoni min-nofs il-grawnd li qabdet lill-gowlkiper Buffon barra minn postu, bil-ballun jgħaddi ftit għoli. Fit-33 minuta, erġajna konna perikolużi b'xutt insidjuż ta' Roderick Briffa li Buffon dawwar f'korner b'diffikultà.

Fit-tieni taqsima t-Taljani ħarġu għal iktar gowls tant li minn sistema ta' 4-3-1-2, qalbu għal dik ta' 4-3-3 wara li ż-żagħżugħ, Lorenzo Insigne, ħa post Alessandro Diamanti.

Huma resqu viċin, fis-57 minuta, b'pass meqjus ta' Pirlo li żmarka lil Nocerino, li min-naħa tiegħu kompla lejn Destro iżda Hogg kien attent u antiċipa fuq l-attakkant ta' Roma.

It-Taljani baqgħu superjuri u ż-żagħżugħ ta' Napoli, Lorenzo Insigne, beda joħloq ħsara kbira fuq ix-xellug, iżda mhux dejjem beda jsib lill-plejers sħabu f'pożizzjoni ideali biex jikkonkludu fix-xibka.

Finalment, it-Taljani ssiġillaw ir-rebħa fit-92 minuta, f'mument rari ta' nuqqas ta' konċentrazzjoni mill-plejers Maltin, meta kien FEDERICO PELUSO li b'daqqa ta' ras tefa' fix-xibka wara corner ta' Andrea Pirlo.

### Rawnd Preliminari

**11.09.2012 - 20.45 hrs**

| | | |
|---|---|---|
| **Italja** | M. Destro 5, F. Peluso 92 | **2** |
| **Malta** | | **0** |

HT 1 0 **Stadio Alberto Braglia, Modena**

**Italja** – Gianluigi Buffon, Federico Peluso, Mattia Cassani, Claudio Marchisio, Pablo Osvaldo (Giampaolo Pazzini 69), Andrea Barzagli, Leonardo Bonucci, Mattia Destro (Sebastian Giovinco 82), Andrea Pirlo, Alessandro Diamanti (Lorenzo Insigne 46), Antonio Nocerino

*Coach* – Cesare Prandelli

**Malta** – Andrew Hogg, Alex Muscat (Ryan Camilleri 86), Gareth Sciberras, Andrei Agius, Luke Dimech, Daniel Bogdanovic (Andrew Cohen 69), Roderick Briffa, Michael Mifsud, Andrè Schembri, Edward Herrera, Steve Borg

*Coach* – Pietro Ghedin

Referee – Antti Munukka (Finlandja)

Assistenti – Matti Heininen, Jan-Peter Aravirta (Finlandja)

Raba' Uff. – Dennis Antamo (Finlandja)

Ammoniti – A. Muscat, A. Schembri, A. Cohen, A. Hogg (M)



It-tim Ukren qabel il-partita

06.09.2012 - 19.30 hrs

**Ukrajna** 5
S. Rybalka 26, 47, 59, D. Korkishko 55, D. Grechyshkin 88

**Malta** 1
T. Vella 21

HT 1-1 **Obolon Arena, Kiev**

**Ukrajna** – Igor Berezovskiy, Dmytro Kushnirov, Temur Partsvaniya, Iurii Putrash (Vitaly Balashov 36), Dmytro Korkishko (Oleksii Babyr 86), Andriy Bogdanov, Serhiy Ryablka, Vitaliy Fedotov, Serhiy Kryvtsov (Igor Plastun 79), Serhiy Lyulka, Dmytro Grechyshkin
*Coach* – Oleg Pushanko

**Malta** – Steve Sultana, Ryan Camenzuli (Lydon Micallef 58), Lucar Martinelli, Zach Muscat, Rowen Muscat (Clyde Borg 31), Terence Vella (Darren Falzon 86), Mark Scerri, Bjorn Kristensen, Yessous Camilleri, Matthew Gauci
*Coach* – Ray Farrugia

**Referee** – Orel Grinfeld (Iżrael)
**Assistenti** – Shabtai Nahmias, Oren Borneshtain (Iżrael)
**Raba' Uff.** – Eylan Tabrezashi (Iżrael)
**Ammoniti** – Y. Camilleri, M. Scerri (M); S. Rybalka (U)

**GRUPP 2**

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Svezja | 10 | 7 | 1 | 2 | 18 | 10 | 22 |
| Slovenja | 10 | 6 | 2 | 2 | 15 | 8 | 20 |
| Ukrajna | 10 | 5 | 2 | 3 | 21 | 10 | 17 |
| Finlandja | 10 | 3 | 3 | 4 | 12 | 14 | 12 |
| Litwanja | 10 | 3 | 0 | 7 | 9 | 18 | 9 |
| Malta | 10 | 1 | 2 | 7 | 8 | 23 | 5 |

*Kampjonati Ewropej U/21 (2013) - Rawnd Preliminari*

# Il-Maltin jisfaxxaw fil-bidu tat-tieni taqsima

**It-tim nazzjonali Malti ta' Taħt il-21 sena spiċċa l-impenji tiegħu fil-preliminari tal-Kampjonat Ewropew 2013, b'telfa kbira ta' 5-1 kontra l-Ukrajna liema partita ntlagħbet fil-belt ta' Obolon.**

Wara taqsima mpekkabbli fejn anke kienu huma li fetħu l-iskor, il-Maltin sfaxxaw mal-ftuħ tal-ewwel kwarta tat-tieni taqsima li fiha sofrew tliet gowls biex il-partita ma kienx fadlilha storja.

Kif għedna, il-Maltin fetħu l-iskor, fil-21 minuta, meta Terence Vella, qabad ballun fi tliet kwarti ta' grawnd u wara li qabeż tliet plejers fajjar xutt qawwi, minn tarf il-kaxxa, li ħabat mad-difensur Malti, Ryan Scicluna, bil-ballun jogħla u jqarraq għal kollox bil-gowlkiper Igor Berezovskiy ... u jispiċċa fir-rokna tax-xibka.

Iżda l-Maltin ftit li xejn damu jgawdu dan il-gowl minħabba li ħames minuti wara, l-Ukreni kisbu d-draw. Mill-corner qasir ta' Vitaly Fedotov, Andriy Bogdanov kompla l-ballun lejn il-kaxxa ż-żgħira fejn Serhiy Rybalka kien pront xeħet il-ballun fir-rokna tax-xibka.

Il-ftuħ tat-tieni taqsima kienet wieħed detrimentali għall-plejers Maltin meta l-Ukreni marru fil-vantaġġ, eżattament fis-47 minuta, meta Serhiy Rybalka rebaħ ballun f'nofs il-grawnd, avvanza, bidel il-ballun ma' Vitaly Fedotov biex għeleb in-nasba tal-offside u antiċipa l-ħarġa tal-gowlkiper Steve Sultana billi mmira għar-rokna tax-xibka.

Fil-55 minuta, assistejna għall-isbaħ gowl tal-partita meta Dmytro Korkishko rċieva ballun f'tarf il-kaxxa l-kbira u b'dahru lejn il-lasti evita lil Yessous Camilleri biex dar u venven xutt li ma ta l-ebda ċans lil Steve Sultana jsalva.

Dan il-gowl iddemoralizza ferm lill-Maltin u hekk kif appena għaddew erba' minuti, sofrejna r-raba' gowl. Mill-corner ta' Vitaliy Fedotov, id-difiża Maltija kklerjat qasir biex reġa' kien Serhiy Rybalka li approfitta minn tarf il-kaxxa ż-żgħira ... biex irreġistra l-hat-trick personali.

Fis-66 minuta, kien il-gowlkiper Sultana li salva bi tbatija x-xutt ta' Vitaly Fedotov minn tarf il-kaxxa.

Għaxar minuti wara, l-avversarji tagħna resqu viċin li jżidu l-iskor iżda l-aħħar pass ta' Vitaliy Balashov lejn Serhiy Lyulka kien twil biex seta' jikkonkludi.

Bil-logħba mirbuħa u mitlufa, l-Ukreni baqgħu jamministraw il-logħba bil-Maltin jiipprovaw jirriorganizzaw lilhom infushom fid-difiża.

Żewġ minuti mit-tmiem, l-Ukreni ssiġillaw ir-rebħa għal skor ta' 5-1 meta mill-corner ta' Temur Partsvaniya, Dmytro Grechyshkin tħalla waħdu f'tarf il-kaxxa li fajjar xutt fil-baxx biex għeleb għal kollox lil Steve Sultana.

Fil-ħin miżjud kien hemm lok għal gowl ieħor min-naħa tal-Ukreni iżda minn taħt il-lasti Serhiy Lyulka għamel l-impossibbli u xeħet għoli.

# JOSEPH SAMMUT
CO. LTD. • Est. 1977

# Turnkey Contractors

- All Types of Plastering - kisi
- Pointing - fuq il-fil
- Painting - żebgħa - Gypsum
- Drain Laying
- Tile Laying
- Building Alterations
- Restoration Works
- All kinds of Decoration Works

*Over 30 Years of Expertise - No Job is too small or too big!*

10, Triq Ħal Qormi, Sta. Venera
Tel: 2144 5380, 9949 2539 Fax: 2144 3093
e-mail: jsammut.ltd@mail.global.net.mt




# Valletta fi klassi għalihom

Il-plejers ta' Valletta jifirħu wara x-xalata ta' gowls kontra Hamrun Spartans

**Wara li ntlagħab il-ħames programm tal-Kampjonat Premier, l-uniċi żewġ timijiet li għandhom punti massimi huma Valletta u Hibernians. Iżda, bla dubju, l-unuri jmorru għand Valletta għall-fatt ta' kif qed jimmaturaw u jimpressjonaw ma' kull partita li jilagħbu.**

Ir-rebħa ta' 8-2 fuq Hamrun Spartans hija konferma li ċ-champions Maltin jinsabu fi klassi għalihom. Armati b'minn fost l-aqwa elementi tal-logħba domestika, il-Beltin diġà qed juru l-intenzjonijiet tagħhom li għat-tieni darba se jiddefendu t-titlu b'suċċess … għalkemm fil-futbol jista' jiġri kollox.

L-attakkant Michael Mifsud kiser ir-rekord li sar l-ewwel plejer li skorja sitt gowls, f'żewġ okkażjonijiet, bl-oħra tkun fir-rebħa ta' 11-0 fuq Xgħajra Tornadoes, nhar l-14 ta' Ottubru, 2000 – dak in-nhar lagħab bil-flokk ta' Sliema Wanderers. Barra minn hekk huwa kiser rekord ieħor ta' hat-trick skorjat fl-inqas ħin. Huwa għamel dan f'erba' minuti biex kiser ir-rekord tal-attakkant ta' Floriana Brian Crawley li kien irreġistra, f'ħames minuti, nhar it-13 ta' Marzu, 1993, fir-rebħa ta' 5-1 fuq Birkirkara.

Minkejja li Hibernians qed iżommu l-pass ma' Valletta, wieħed irid jara kemm se jibqgħu konsistenti hekk kif ma għandhomx skwadra twila bħal Valletta li għal kull plejer titulari għandhom sostitut denju għalih. L-iskwadra tal Pawlisti hija mimlija sostituti żgħażagħ.

Il-mixja pożittiva ta' Birkirkara ġiet imwaqqfa minn Sliema Wanderers biex b'hekk ħadu skoss li jibqgħu fiż-"żona Beltija" bil-biżgħa li ċ-champions jistgħu jaħarbu fuq quddiem meta għadna fil-bidu tal-Kampjonat.

Min-naħa tal-Wanderers, wara bidu negattiv … bl-inklużjoni ta' bosta akkwisti ġodda jidhru li mexjin lejn id-direzzjoni l-ġusta. Fir-rebħa kontra l-Karkariżi mhux biss kisbu t-tliet punti iżda wkoll impressjonaw bil-kbir.

L-istess Mosta, wara żewġ telfiet konsekuttivi, bil-punt interrogattiv fuq rashom, issa huma tim ittrasformat għal kollox biex fl-aħħar tliet partiti kisbu punti massimi.

Wieħed jistaqsi jekk Floriana humiex se jkunu t-tim enigma tal-Kampjonat Premier fejn għadhom 'il bogħod mill-forma li tagħmilhom minn fost l-isfidanti. F'dawn il-logħbiet urew li mhumiex daqstant konsistenti u neqsin ukoll mill-istabbiltà. Fl-istess livell tagħhom, hemm it-tim ta' Qormi li jidher li għadu mhux issetiljat hekk kif jinsab fit-tmien post b'żewġ rebħiet u tliet telfiet.

Wara bidu inċert, Tarxien Rainbows jinsabu fis-sitt post b'żewġ rebħiet konsekuttivi … u s-seba' punt, minn massimu ta' disgħa, taħt it-tmexxija tal-kowċ il-ġdid, Clive Mizzi.

Jidher li l-erba' timijiet tan-naħa t'isfel tal-klassifika, Hamrun Spartans, Balzan FC, Rabat Ajax u Melita, se jissieltu bejniethom għas-salvazzjoni.

## I Rawnd

**Logħba Nru 07 - 24.08.2012 - 18.30 hrs**

**Tarxien Rainbows** 2
D. Meira Santos 19, 27
**Sliema Wanderers** 3
M. Ciantar 41, P. Barbetti 90, O. El Ghaouti 92

HT 2-1 **Hibernians Stadium**

**Tarxien R.** – David Cassar, Carlo Mamo, Orosco Anonam, Justin Grioli, Daniel Mariano Bueno, Karl Pulo (Lee Galea 76), Luis Romulo De Castro (Steven Sadowski 83), Danilo Meira Santos, Andrew Agius (Manuel Caruana 60), Steve Bonnici, Evaldo Silva Dos Santos
*Coach* – Danilo Doncic
**Sliema W.** – Henry Bonello, Luca Martinelli, Miguel Ciantar, Josef Mifsud, Beppe Muscat, Alex Muscat (Andrew Decesare 71), John Mintoff, Omar El Ghaouti, Pablo Gonzales (Mark Scerri 59), Matias Muchardi, Paltemio Barbetti
*Coach* – Alfonso Greco
**Referee** – Chris Lautier
**Assistenti** – William Debattista, Chris Francalanza
**Raba' Uff.** – Fyodor Zammit
**Ammoniti** – J. Grioli, L. Rumolo de Castro, D. M. Santos, E. D. Dos Santos (TR); B. Muscat, J. Mintof, P. Barbetti (SW)
Iż-żieda fil-parteċipazzjoni kienet dovuta ukoll għaż-żieda fiċ-ċentri min fejn jiġi pprovdut il-programm. Fil-fatt Summer on the Move, minn din is-sena, beda jingħata minn ħames ċentri sportivi: Tal-Qroqq, Kirkop, Kottonera, Ħal Qormi u Mosta. Dawn iċ-ċentri ġew mgħammra b'apparat ġdid u adekwat u ġew installati żewġ swimming pools ġodda oħra f'Ħal Kirkop u f'Tal-Qroqq biex il-Kunsill Malti għall-Isport seta' jlaħħaq mad-domanda. L-għan tal-Kunsill Malti għall-Isport huwa li kull sena jiżdied l-apparat u ċ-ċentri min fejn jittellgħu l-programmi. Dan sakemm l-inħawi kollha ta' Malta u Għawdex ikunu milħuqin tajjeb minn kullħadd.

Iż-żieda fil-parteċipazzjoni kienet ukoll dovuta għall-fatt li żdiedu d-dixxiplini u l-attivitajiet sportivi offruti f'Summer on the Move, biex tintlaħaq faxxa akbar ta' nies. Fil-fatt din is-sena, minbarra id-dixxiplini numerużi tas-soltu bħal għawm, basketball, rugby, canoeing u ibburdjar ġew organizzati għall-ewwel darba l-acqua aerobics, kif ukoll iż-zumba, fitness, sparar u snooker biex in numru ta' parteċipanti setgħu jinkludu madwar 400 mitt adult u ġenituri li qabel kienu joqogħdu jistennew lil uliedhom ilestu mill-attività.

Dan il-programm qiegħed iżomm eluf ta' nies attivi u f'saħħithom filwaqt li ipprovda xogħol lil 190 kowċ u instructor li ħadmu fuq dan il-programm.

Dawk kollha li attendew, ingħataw ċertifikat ta' parteċipazzjoni f'attività li ttellgħet fl-14 ta' Settembru, fil-Kumpless Sportiv tal-Kottonera.

kunsill malti għall-isport
www.sportmalta.org.mt

# Il-programm Summer on the Move jintemm b'manifestazzjoni kbira







Bħala ċelebrazzjoni ta' tmiem il-programm *Summer on the Move* ittellgħet attività fil-Kumpless Sportiv tal-Kottonera li għaliha attendew numru kbir ta' parteċipanti, tfal u adulti, li mlew is-sala principali tal-Kumpless. Il-programm involva numru ta' parteċipanti minn kull ċentru sportiv kif ukoll minn numru ta' dixxiplini li kienu pprattikati matul dan is-sajf.

Is-serata bdiet permezz ta' żifna mit-tfal żgħar li pparteċipaw f'dan il-programm sportiv fil-Kumpless tal-Kottonera, immexxija minn Doris Montebello. Din iż-żifna kienet forma ta' *warming up* li ċertament serviet biex daħħlet lil kulħadd fl-atmosfera. L-attività kompliet b'wirja ta' arti marzjali mill-grupp tal-parteċipanti tal-kategorija tat-tmien snin immexxija minn Stephen Formosa fejn it-tfal kollha wrew ħiliet baziċi ta' din id-dixxplina. Eżatt wara, ittellgħet sekwenza ta' Rhytmic Gymnastics flimkien ma' żfin modern, immexxija minn Alison Schembri, li fiha pparteċipaw kemm bniet kif ukoll subien f'wirja spettakolari.

L-attività kompliet b'wirja ta' karate mill-grupp tal-parteċipanti ta' bejn il-11 u s-16-il sena. F'din il-wirja kien hemm taħlita ta' ħiliet mill-parteċipanti u dimostrazzjoni bejn l-għalliema Bella Shroeder u Renzo Attard. Is-serata tnediet mill-parteċipanti tal-Active Youngsters immexxija minn Tony Ghio fejn rajna wirja tad-diversi dixxiplini fosthom Badminton, Basketball, Handball u Football.

F'kelmtejn li għamel waqt din l-attività, is-Sur Bernard Vassallo, Chairman tal-Kunsill Malti għall-iSport, semma' kemm huwa mportanti li l-ġenituri jkollhom sehem attiv fl-iżvilupp ta' uliedhom. Semma' wkoll kif id f'id mal-għalliema u l-coaches tal-programmi sportivi offruti mill-Kunsill Malti għall-iSport, hemm bżonn li kulħadd jemmen fil-benefiċċji tal-isport, u ladarba wieħed jemmen, kemm hu mportanti li wieħed jaħdem bis-sħiħ biex it-tfal jingħataw l-opportunità li jipparteċipaw fl-isport biex jgħixu ħajja aħjar. Huwa ta' xejn li l-Kunsill jorganizza l-aħjar programmi u fl-aħjar faċilitajiet jekk il-ġenituri ma jurux impenn billi jħeġġu lil uliedhom jipparteċipaw. Peress li din is-sena intlaħaq numru rekord ta' parteċipanti, is-sur Vassallo temm id-diskors tiegħu billi rringrazzja lill-ġenituri tal-fiduċja li wrew fl-istaff kollu tal-Kunsill Malti għall-iSport u ħeġġeġ lil kulħadd biex ikompli jipparteċipa.

Is-serata kompliet b'żifniet tat-tfal li pparteċipaw fil-Kumplessi sportivi ta' Ħal-Kirkop, Mosta u Tal-Qroqq fosthom wirja ta' Ġinnastika kif ukoll żifna abbinata ma' numru ta' sport fejn it-tfal ħolqu r-ritmu tal-mużika permezz ta' blalen. Lejn tmiem l-attività saru numru ta' żifniet fejn dawk kollha preżenti setgħu wkoll jipparteċipaw.

Din iċ-ċelebrazzjoni ntemmet bil-preżentazzjoni ta' ċertifikati lil kull parteċipant kif ukoll preżentazzjoni taċ-ċertifikati tal-KMS Swimming Awards lil bosta parteċipanti li ħadu sehem fil-programmi tal-għawm.











# Skolasport tissokta fix-Xitwa

**Għażla wiesa' ta' programmi sportivi mifruxa fuq tmien xhur f'seba' ċentri reġjonali**

Mill-20 ta' Ottubru, li ġej, se jerġa jibda l-programm Skola Sport, programm li kull ma jmur qed iżid il-popolarità tiegħu. Dan minħabba l-fatt li fl-aħħar snin dan il-programm kiber u qed joħloq firxa usa ta' nies, kemm tfal kif ukoll adulti, kemm għal dawk li jridu jakkwistaw ħiliet bażiċi fi sport partikolari jew inkella jagħmlu xi attività fiżika u jiċċaqalqu ftit.

**Sport u Attività fiżika qrib tiegħek**

Bil-għan li dawn il-programmi sportivi huma intiżi biex jilħqu faxxex wiesa' ta' nies, il-Kunsill Malti għall-iSport ħaseb biex ikunu offruti fis-seba' ċentri reġjonali biex il-parteċipanti jkunu jistgħu jattendu fl-eqreb żona għalihom. Is-seba' ċentri reġjonali huma l-Kumpless Sportiv tal-Kottonera, Kulleġġ San Injazju Skola Sekondarju tas-Subien, Tal-Ħandaq, Kumpless Sportiv tal-Qroqq, Kumpless Sportiv tal-Marsa, Kumpless Sportiv Kirkop, Kulleġġ Santa Klara, Skola Sekondarja Bniet ta' Pembroke u Kulleġġ Maria Regina l-iSkola Sekondarja tas-Subien tal-Mosta.

Hemm ukoll programmi sportivi li minħabba n-natura tagħhom isiru f'postijiet speċifiċi fosthom il-bowling, il-karting, it-tennis u l-ibburdjar.

**Sport u Attività fiżika għal kulħadd**

L-iktar programmi popolari, u li se jibdew jingħataw f'kull ċentru, jibqgħu dawk tal-*Foundation* immirat għal tfal bejn l-4 u s-6 snin u l-programm tal-*Participation* se jkun għal tfal bejn is-7 u l-10 snin.

Aktar minn hekk, f'kull ċentru se jkun hemm attivitajiet għall-adulti fosthom l-klassijiet ta' fitness u sport varjat għall-adulti. Dan il-programm ġie mħejji wara proġett pilota li ttella' matul is-sena li għaddiet fejn instab li ħafna ġenituri u adulti oħrajn huma mħajrin jipparteċipaw f'attività varjata li forsi minħabba mpenji oħrajn ma setgħux ikomplu mit-tfulija.

Aktar programmi ġodda jinkludu l-għawm, li se jsir fil-Kumpless Sportiv ta' Ħal-Kirkop, minbarra fil-Kumpless tal-pixxina nazzjonali, f'Tal-Qroqq. Fil-Kumpless ta' Ħal-Kirkop se jsiru wkoll sessjonijiet ta' Aqua Aerobics. Programm ġdid li se jibda din is-sena se jkun il-hip hop speċifikament għas-subien. Dan minbarra ballet, badminton, karate, weightlifting, football u volleyball fil-Kumpless Sportiv tal-Kottonera, table-tennis, football, hip hop u basketball fl-iskola sekondarja, f'Tal-Ħandaq. Fil-Kumpless Sportiv tal-Qroqq, se jsiru wkoll sessjonijiet tal-basketball u squash filwaqt li fil-Kumpless Sportiv tal-Marsa se jsiru sessjonijiet tal-atletika, basketball, baseball, football u rugby.

Fil-Kumpless Sportiv ta' Ħal-Kirkop se jsiru badminton, ġinnastika, basketball, sparar fuq ġewwa, netball, zumba, żfin modern u jazz, table tennis, football, karate, tag rugby u atletika. Fl-iskola sekondarja tal-bniet ta' Pembroke se jittella' programm ta' ġinnastika, football u basketball. Fl-iskola sekondarja tas-Subien tal-Mosta se jsiru sessjonijiet ta' atletika, basketball, tag rugby, football u handball.

Barra minn dan kollu se jsiru sessjonijiet tal-aikido fl-iskola Maria Assunta tal-Hamrun, bowling fl-Eden Super Bowl, karting minn livell bażiku sa livell avvanzat fil-Bader Karting, f'Ta' Qali, u kendo fl-iskola sekondarja tal-Bniet tal-Imrieħel. Din is-sena se jsir programm ta' taħriġ tat-tennis, fil-Vittoriosa Lawn Tennis Club. Programm popolari ma' bosta tfal u żgħażagħ huwa dak tal-ibburdjar li se jsir fil-Birzebbugia Sailing Club kif ukoll fil-Vikings Sailing Club, Xatt it-Tiben, Floriana.

Ta' min isemmi, il-programm ta' Avventura u Sport Varjat għal tfal bejn il-11 u l-14-il sena li żied ferm fil-popolarità matul l-aħħar snin. It-tluq għal dan il-programm ikun organizzat mill-Marsa.

**Applikazzjonijiet**

L-applikazzjonijiet huma aċċessibbli mill-website tal-Kunsill Malti għall-iSport www.sportmalta.org.mt u wieħed jista' japplika ukoll online mill-kumdità ta' daru. Għal aktar informazzjoni wieħed jista' anke jċempel fuq 21660658.

# Esperjenza unika għal Matthew Sultana fil-Logħob Paralimpiku

L-għawwiem żagħżugħ Matthew Sultana, kellu esperjenza unika waqt il-Logħob Paralimpiku li sar, f'Londra, l-Ingilterra, bejn id-29 ta' Awwissu u d-9 ta' dan ix-xahar. Sultana għamel id-debutt tiegħu, fil-31 ta' Awwissu, meta ppartecipa fil-heat tal-50m freestyle, fl-Aquatics Centre. Huwa kkompeta fil-heat numru 2 fejn spiċċa fis-seba' post minn daqstant għawwiema, f'ħin ta' 31.12 sekondi. B'kollox, fil-heats kollha ħadu sehem 21 għawwiem fejn Sultana spiċċa fl-aħħar post overall.

Fl-1 ta' Settembru, Sultana ħa sehem fil-100m butterfly, fil-heat numru 3 fil-kategorija S10, fejn temm fit-tmien post meta rreġistra ħin ta' 1:16.94. Din it-tellieqa ntrebħet mill-Brażiljan Andrè Brasil meta waqqaf l-arloġġ fi 58.72 sekondi.

L-aħħar dehra ta' dan l-għawwiem Malti kienet, fit-8 ta' Settembru, meta għam fit-tieni heat tal-100m breaststroke fil-kategorija SB 9 li fiha kienu qed jieħdu sehem sitt għawwiema. Sultana spiċċa fis-sitt post b'ħin ta' 1:36.89 fejn irnexxielu jtejjeb l-aħjar ħin personali tiegħu b'0.12 sekondi.

Din il-heat intrebħet mir-Russu Pavel Poltavtsev f'ħin tajjeb ta' 1:08.96. B'kollox saru tliet heats f'din il-kategorija u fihom ħadu sehem 18-il għawwiem fejn Sultana kklassifika fl-aħħar post. L-aħjar ħin tal-heats inkiseb minn Kevin Paul tal-Afrika t'Isfel f'1:06.21. Ta' min jgħid li Sultana għad għandu 15-il sena biss u għandu karriera twila quddiemu. Fil-fatt huwa diġà kkonferma li fis-snin li ġejjin se jibqa' jitħarreġ biex jerġa' jieħu sehem f'edizzjoni oħra ta' dan il-logħob.

Il-parteċipazzjoni ta' Sultana f'dan il-logħob kienet possibbli grazzi għall-għajnuna finanzjarja u l-appoġġ tal-Kunsill Malti għall-iSport u s-Segretarjat Parlamentari għaż-Żgħażagħ u Sport.

kunsill malti
għall-isport
www.sportmalta.org.mt









# Riżultati pożittivi għall-Maltin fil-kompetizzjoni internazzjonali tal-Field Target



Il-*Field Target* hija dixxiplina pprattikata fuq barra u li oriġinat fil-bidu tas-snin 80 fir-Renju Unit. Illum din id-dixxiplina sportiva kisbet popolarità kbira madwar id-dinja kollha. L-għan tal-kompetituri huwa li jisparaw fuq tragward żgħir, magħruf aħjar bħala *kill zone*, magħmula apposta minn pjanċi akbar tal-metall. Normalment dawn il-pjanċi jkunu jixbħu annimal żgħar tal-kaċċa għalkemm dan l-aħħar qed jintużaw forom sempliċi ġeometriċi.

Wieħed jista' jpoġġi l-bersall li jrid jispara fuqu bejn 8 u 50 metri 'l bogħod mil-linja tal-isparar waqt li l-għoli tal-bersall ikun tal-istess tul tat-tiratur li jkun qed jispara fuqu. Il-*kill zone* tal-bersall hija normalment ċirkolari u nominalment b'diamentru ta' 40mm għalkemm jeżistu miri żgħar b'diametru ta' 25mm.



Irrispettivament mill-qawwa tagħhom, f'Malta l-*air rifles* huma suġġett għal-liċenzja. F'pajjiżna din id-dixxiplina bdiet mingħajr ebda limitu fil-qawwa sparata u f'kompetizzjonijiet miftuħa. Kien fl-2009 li l-korp tat-tmexxija għall-*Field Target*, f'Malta, ġie mgħoddi lill-klabb tal-Malta Allied Airgunners. Minn dak in-nhar, kien ġie deċiż li tinbidel il-politika u l-kompetizzjonijiet nazzjonali jinżammu fil-limitu tal-qawwa tal-isparar internazzjonali, jiġifieri ta' 12ftlbs.

Dawk it-tiraturi li kienu jipprattikaw din id-dixxiplina fuq livell kompettitiv aċċettaw din id-deċiżjoni u kien għalhekk li, fl-2009, tim ta' tmien tiraturi Maltin ħadu sehem għall-ewwel darba fil-kampjonati tad-dinja li saru fl-Afrika t'Isfel. Dak in-nhar tnejn mit-tiraturi Maltin ikklassifikaw mall-aqwa għaxar tiraturi fid-diviżjoni springer. Sena wara l-istess kampjonati tad-dinja kienu saru fl-Ungerija madankollu Malta naqset milli tippartecipa peress li kien hemm nuqqas ta' *shooting ranges* sabiex it-tiraturi tagħna jitħarrġu fihom. Fl-2011, Malta kienet irrappreżentanta minn tliet tiraturi - tnejn irġiel u mara, b'din il-kompetizzjoni dinjija ssir fl-Italja.

Din is-sena l-kampjonati dinjija saru fin-Norveġja u Malta kienet irrappreżentanta minn żewġ tiraturi, wieħed fil-PCP open u l-ieħor fid-diviżjoni tal-veterani PCP. B'kollox kien hemm 120 tiraturi minn 30 pajjiż differenti. Dan l-ammont mhuwiex wieħed kbir iżda diversi tiraturi kellhom jiċċaħħdu milli jippartecipaw f'din l-edizzjoni minħabba li n-Norveġja hu wieħed mill-pajjiżi l-aktar għaljin sabiex wieħed iżur. It-tiraturi Maltin kellhom tlitt ijiem ta' temp tajjeb għalkemm kien hemm ftit sħab u xita ħafifa. Il-prestazzjoni tat-tiraturi Maltin kienet tajba u wieħed jieħu pjaċir jinnota li t-tiraturi Maltin qed itejbu r-riżultati tagħhom wara kull kompetizzjoni li jippartecipaw fiha. Fl-istess waqt kull darba li jippartecipaw f'kompetizzjonijiet ta' dan il-livell, it-tiraturi tagħna qed jiksbu aktar esperjenza internazzjonali. Il-kompetizzjoni li jmiss tal-*Field Target* organizzata mill-WFTF se ssir fil-Ġermanja u pajjiżna qed jittama li din id-darba jkun rappreżentant mill-akbar kontinġent Malti fl-istorja ta' dawn il-logħob.

L-istaġun ta' sparar mill-klabb tal-Malta Allied Airgunners jibda f'Settembru u jintemm f'Ġunju. Matul il-jiem tas-sajf il-klabb ma jorganizzax kompetizzjonijiet ta' sparar minħabba t-temp sħun madankollu dawk li jkunu jixtiequ li jipprattikaw din id-dixxiplina sportiva jistgħu jagħmlu dan peress li s-*shooting range* tkun miftuħa. Attwalment dan il-klabb għandu żewġ *ranges* fejn wieħed jista' jipprattika dan l-isport - Victoria Shooting Range f'Tal-Ħandaq u Ħal Far Clay pigeon *shooting range*. Dawn iż-żewġ *ranges* huma miftuħa nhar ta' Sibt u nhar Ħadd. Dawk li jinsabu interessati li jkollhom aktar informazzjoni dwar din id-dixxiplina sportiva jistgħu jagħmlu kuntatt ma' dan il-klabb permezz tal-e-mail maacmalta@gmail.com.

# Low back pain in athletes II

by Dr. Kirill Micallef Stafrace
Sports and Exercise Medicine Consultant and Senior Lecturer in Sports Science



The three most common low back issues facing athletes can be generally classified into: discogenic (disc related) back pain, facetogenic (facet joint related) back pain and stress reaction/fracture with and without a spondylolisthesis(slippage). This is by no means exhaustive nor does it preclude features of one type of problem overlapping an entirely different mechanical problem (e.g. disc related symptoms in someone with facet joint problems). In this month's article we will deal with the discogenic cause of pain.

The discs in the spine are pliable structures found between each vertebral segment. They consist of two components, a thick outer ligamentous ring (annulus) and a viscous nuclear centre (nucleus pulposus). Stretching or tearing of the outer ring can cause pain due to the pain nerves supplying this structure but more importantly, may allow the jelly-like nuclear centre to escape through the tear in the outer wall and therefore compressing surrounding nerves (e.g. the sciatic nerve). This can lead to referred pain along the distribution of the nerve (hence the term sciatica). The greater the degree of nerve compression, the more extensive the distribution of referred symptoms, which can even extend to the toes. Nerve compression obviously results in pain but can also alter other sensory functions which may result in a varying clinical picture of paraesthesia, anaesthesia, causalgia(burning pain) and even decreased muscle power and diminished reflexes.






Characteristically, disc injuries result from excessively loading a flexed spine and combining rotation with flexion dramatically increases the injury risks. Typical examples are: lifting a weight in a bent forward position (e.g. performing squats without proper technique), slipping or tripping, performing crunches and sit-ups especially with rotation and prolonged sitting in a low position . These all can lead to a disc lesion as bending forward compresses the anterior portion of the disc and stretches the posterior wall with the viscous nuclear centre forced towards the posterior wall and therefore applying pressure on this structure. So, if an excessive load or rotational force is suddenly applied to the disc, the nucleus can push through the posterior wall, resulting in a disc prolapse( commonly known as a slipped disc, although the disc itself does not slip at all, but rather its contents extrude from it)

Disc trauma is often an acute (sudden) episode resulting in immediate pain, although disc related pain can also result from prolonged periods in forward flexion (e.g.in hockey players, golfers and ten pin bowling). Pain is often unilateral ( one sided), although the accompanying muscle spasm can make the entire lower back region seize up. Pain may be referred to the buttock, posterior thigh, groin or calf and there can also be numbness, tingling or a burning pain. Classically coughing or sneezing and especially attempts to bend forward make the pain much worse. Symptoms are often relieved by lying down, standing or gently arching backwards. The athlete often presents stiff backed and will attempt to avoid forward flexion such that they appear very straight and adopt a characteristic posture.

*Dr. Micallef Stafrace is a sports medicine consultant physician and senior lecturer in sport science.*

# Mr Whippy

## Racing Team champions Ewropej




Partitarji jilqgħu lill-membri ta' Mr Whippy Racing Team, fl-ajruport



Mr Whippy Racing Team immexxi minn Manty Bugeja



Kalanċ Racing Team immexxi minn Chris Polidano

**It-tim ta' Mr Whippy Racing Team kiseb suċċess uniku meta proprju aktar kmieni dan ix-xahar rebaħ il-Kampjonat Ewropew tad-Drag Racing.**

Dan is-suċċess mill-aktar prestiġjuż inkiseb mis-sewwieq, Monty Bugeja, fejn huwa spiċċa fl-ewwel post fil-kategorija Top Methanol Dragster b'total ta' 364 punt, biex spiċċa quddiem is-sewwieq Ġermaniż, Dennis Habermann, li temm dan il-kampjonat fit-tieni post b'total ta' 287 punt. Fit-tielet post spiċċa l-Britanniku, Dave Wilson, b'total ta' 282 punt.

F'din il-kompetizzjoni s-sewwieqa jlaħħqu veloċità ta' madwar 260 mil fis-siegħa ... li tintlaħaq f'perjodu ta' ħames sekondi biss! Fil-kompetizzjoni ħadu sehem madwar 300 kompetitur u saru ħamest itlielaq - tnejn fl-Isvezja, waħda fil-Finlandja, waħda fl-Ingilterra u waħda fil-Ġermanja.

Fl-ewwel erbgħa, Bugeja kiseb total ta' 281 punti, li nkisbu hekk - 83 fl-Ingilterra, 58 fl-Isvezja, 83 fil-Fillandja u 57 fil-Ġermanja. B'hekk, għall-aħħar appuntament tal-kampjonat, Bugeja kellu vantaġġ ta' 31 punt fuq Habermann u 33 punt fuq Wilson.

U proprju f'din l-aħħar tellieqa s-sewwieq Malti kellu wirja mill-aqwa tant li huwa kiseb punteġġ ta' 83 punt, filwaqt li Habermann kiseb 37 punt u Wilson 34 punt rispettivament, biex b'hekk Bugeja rebaħ dan il-kampjonat Ewropew.

Fl-istess kampjonat ħa sehem sewwieq ieħor Malti, Chris Polidano (Kalanċ Racing Team), li eventwalment spiċċa fil-ħames post fil-klassifika finali b'punteġġ finali ta' 251 punt, li nkisbu kif ġej: 35 punt fil-Gran Brittannja, 95 punt fl-Isvezja, 34 punt fil-Finlandja u l-Ġermanja biex fl-aħħar tellieqa huwa kiseb 53 punt.

GO SPORTS

# THE HOME OF PREMIUM SPORTS

UEFA CHAMPIONS LEAGUE | SERIE A | LIGUE 1 | BARCLAYS PREMIER LEAGUE



© Action Images

MORE THAN JUST FOOTBALL!

RBS 6 NATIONS | F1 Formula 1 | HBO BOXING | THE CHAMPIONSHIPS WIMBLEDON

Visit our outlets, exclusive resellers or call us anytime on Freephone **8007 2121** or **146** from your GO mobile.

MADE FOR YOU

www.go.com.mt

GO

mobile **tv** phone internet

**27 ta' Settembru 2012: GO – il-fornitur ewlieni f'Malta ta' komunikazzjoni u divertiment - jinforma lill-partitarji akkaniti tal-futbol li issa huwa possibbli għalihom li jsegwu l-UEFA Champions League waqt li jkunu barra mid-dar sejrin minn post għal ieħor. Dawk kollha li jużaw l-iPhone 4 u l-iPhone 5 jistgħu jiddawnlowdjaw b'xejn il-GO sports Mobile Match Tracker tagħhom mill-iTunes App Store biex jesperjenzaw l-eċċitament tal-azzjoni marbut mal-UEFA Champions League.**




# Il-UEFA Champions League fuq l-iPhone tiegħek!

Permezz tal-GO sports Mobile Match Tracker, dawk li jużaw iPhone 4 jew iPhone 5 jistgħu jaraw filmati tal-gowls kollha, il-*penalties* u l-karti l-ħomor kollha matul logħba *live*. *Post-match highlights summary* huwa disponibbli eżatt kif tispiċċa l-logħba. Aktar minn hekk? U aktar minn hekk? Bil-GO sports Mobile Match Tracker, kull min juża iPhone 4 u l-iPhone 5 ser jirċievi l-aħħar aħbarijiet, riżultati, *fixtures* u klassifiki tal-UEFA Champions League aġġornati kontinwament matul il-kampjonat, kif ukoll l-*alerts* għall-aħħar gowls, prenotazzjonijiet, sostituzzjonijiet u *half time scores* matul il-logħbiet.

Il-GO sports mobile Match Tracker huwa, bla dubju ta' xejn, l-applikazzjoni ideali għall-partitarji tal-futbol li huma kontinwament għaddejjin b'reqqa minn post għal ieħor. Minbarra li jaraw it-tim favorit tagħhom fuq GO sports fil-kumdità ta' darhom, il-partitarji tal-futbol ser igawdu l-benefiċċju li jaraw kull gowl, *penalty* u karta ħamra fuq iPhone tagħhom. Qatt ma kien daqshekk sempliċi għall-partitarji tal-futbol li jaraw l-azzjoni kollu darba wara oħra!

Il-klijenti jistgħu faċilment jesperjenzaw l-azzjoni tal-UEFA Champions League f'diversi modi permezz tal-GO sports mobile Match Tracker tagħhom. Abbonament għal kull logħba jiswa €2.99. Inkella hemm il-Group Stage Pass li huwa disponibbli għal €19.99. Dan jinkludi l-Matchday 1 (18-19 ta' Settembru 2012), Matchday 2 (2-3 ta' Ottubru 2012), Matchday 3 (23-24 ta' Ottubru 2012), Matchday 4 (6-7 ta' Novembru 2012), Matchday 5 (20-21 ta' Novembru 2012) and Matchday 6 (4-5 ta' Diċembru 2012).



In-Knock Out Stage Pass huwa disponibbli għal €24.99. Dan jinkludi Rawnd ta' *16 1st leg* (mit-12 sal-20 ta' Frar 2013), Rawnd ta' *16 2nd leg* (mill- 5 sat-13 ta' Marzu 2013), Kwarti ta' finali *1st leg* (fit-2 u t-3 ta' April 2013), Kwarti ta' finali *2nd leg* (fid-9 u l-10 ta' April 2013), Semi finali *1st leg* (fit-23 u l-24 ta' April 2013) u Semi finali 2nd leg (fit-30 ta' April u l-1 ta' Mejju, 2013). Fl-aħħarnett, il-klijenti jiksbu l-aħjar valur meta jabbonaw għall-istaġun kollu għal €29.99 biss. Din l-għażla tagħti aċċess għall-*Group Stage*, in-*Knock Out Stage* u l-istadju finali fil-25 ta' Mejju 2013.

Għal aktar informazzjoni fuq il-GO sports Mobile Match Tracker, jew biex jabbonaw għall-pakkett ta' GO sports, il-klijenti jistgħu jżuru s-sit: www.go.com.mt. Termini u kundizzjonijiet japplikaw.



# Il-ħames suċċess konsekuttiv għall-Isla



## Il-klabb ta' Bormla jirbaħ Kategorija B

**Il-klabb tal-Isla kompla bid-dominju tiegħu fir-Regatta ta' Jum il-Vitorja meta reġa' għal darb'oħra rebaħ l-Aggregate Shield, biex b'hekk tella' t-total ta' rebħ għal 23 fl-istorja tal-klabb biex fl-istess waqt dan kien il-ħames suċċess konsekuttiv.**

Is-Sengleani spiċċaw f'ras il-klassifika tal-Kategorija Open b'66 punt, b'Bormla jispiċċaw fit-tieni post b'48 punt, filwaqt li l-Marsa temmew din ir-regatta fit-tielet post b'46 punt.

Fil-Kategorija B kien il-klabb ta' Bormla li kiseb suċċess meta minn ħames tiġrijiet rebaħ tlieta, biex b'hekk spiċċa fl-ewwel post tal-klassifika b'total ta' 64 punt.

Fit-tieni post spiċċaw il-Birgu b'44 punt filwaqt li l-Kalkara kisbu t-tielet post b'total ta' 36 punt.

Fi tmiem ir-regatta, is-segretarju Parlamentari, Clyde Puli, ippreżenta l-Aggregate Shield lir-rebbieħa. Ta' min jirrimarka li din is-sena ġiet organizzata tiġrija msejħa tal-George Cross, li fiha ħadu sehem qaddiefa ta' Taħt it-18-il sena, biex jitfakkar is-70 anniversarju mill-għoti tal-George Cross.

L-Isla jirbħu l-aħħar tiġrija tal-Kategorija Open



Bormla jiċċelebraw ir-rebħ ta' Kategorija B



L-ekwipaġġ ta' Marsa jifraħ bir-rebħ tat-tiġrija tad-Dgħajjes tal-Pass - Kategorija Open

It-tluq tat-tiġrija tal-Midalji tal-Kategorija Open



Il-Kalkara jiċċelebraw ir-rebħ tat-tiġrija tal-Frejgatini - Kategorija B





Il-Kalkara jirbħu t-tiġrija tal-Kajjikki - Kategorija Open

It-tluq tat-tiġrija tal-Frejgatini - Kategorija Open



## Ir-riżultati ta' kull kategorija kienu dawn:

**Kategorija Open**

*Dgħajjes A tal-Midalji*: 1. Isla (4.33 minuti) 2. Bormla 3. Marsa
*Frejgatini*: Isla (6.32 minuti), Bormla, Marsa
*Dgħajjes C tal-Pass*: 1. Marsa (5.29 minuti) 2. Bormla 3. Isla
*Kajjikki*: 1. Kalkara (6.06 minuti) 2. Bormla 3. Isla
*Dgħajjes B tal-Pass:* 1. Isla (5.13 minuti) 2. Marsa 3. Bormla
Klassifika ġenerali: Isla 66 punt, Bormla 48 punt, Marsa 46 punt, Kalkara 12-il punt.

**Kategorija B**

*Dgħajjes C Tal-Pass*: 1. Bormla (5.45 minuti) 2. Kalkara 3. Birgu
*Kajjikki*: 1. Kalkara (5.48 minuti) 2. Birgu 3. Isla
*Dgħajjes A tal-Midalji*: 1. Bormla (4.35 minuti) 2. Isla 3. Birgu
*Frejgatini*: 1. Kalkara (6.51 minuti) 2. Birgu 3. Isla
*Dgħajjes B Tal-Pass*: 1. Bormla (5.14 minuti) 2. Birgu 3. Isla
Klassifika ġenerali: Bormla 64 punt, Birgu 42 punt, Kalkara 36 punt, Isla 28 punt.



# Jitwaqqaf il-Klabb tas-Softball 'Għajnsielem Redcoats'

**Il-ġurnata tas-7 ta' Ottubru 2012 ser tinkibet fl-istorja tal-isport f'Għajnsielem għal fatt li dak in-nhar it-tim ta' Għajnsielem Redcoats ser jilgħab l-ewwel logħba uffiċjali tiegħu kontra Blue Jays fil-Grawnd tal-Mellieħa. Ser tkun storika wkoll minħabba li din ser tkun ukoll l-ewwel logħba uffiċċjali fis-settur taż-żgħar tas-Softball meta ser jingħata bidu għall-ewwel kampjonat Nazzjonali ta' taħt l-14 il-sena organizzat mill-Malta Baseball and Softball Association (MABS). Storiku l-fatt ukoll li dan il-kampjonat ser jintlagħab bejn erba' timijiet fejn apparti dak ta' Għajnsielem Redcoats li ser ikun kompost kollu minn tfajliet, mentri t-tliet timjiet l-oħra Maltin, dawk Melliħin ta' Grand Slammers u Blue Jays u dak Marsi ta' Panthers huma kollha fformati minn subien.**

It-twaqqif ta' Għajnsielem Redcoats seħħ madwar sena ilu meta beda ssir t-taħriġ fil-Grawnd tan-Nadur fejn l-attendenza għat-taħriġ kienet waħda nkoraġġanti u dan kompla jimla lit-tfajliet b'iktar entużjażmu. Fil-fatt kien ilu jinħass in-nuqqas ta' parteċipazzjoni fis-settur feminili f'Għajnsielem, liema nuqqas kompla jintwera meta l-Kunsill Lokali organizza diversi attivitajiet sportivi bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Malti għall-iSport. Hawn l-istess Kunsill Lokali ta' Għajnsielem ħass il-ħtieġa urġenti li jaffronta din il-problema fejn iktar tard beda jorganizza xi attivitajiet sportivi għat-tfajliet fejn dehret ċara l-inklinazzjoni lejn is-Softball u dan wara li nxtara l-apparat meħtieġ biex ikun jista jintlagħab dan l-isport li huwa tant popolari fl-iStati Uniti u l-Kanada. Matul it-taħriġ li beda ssir mill-aħwa Loreto u Joseph Scicluna u bl-għajnuna ta' Frank Buttigieg, sportivi magħrufa fir-raħal ta' Għajnsielem, dawn it-tfajliet bdew juru progress notevoli u dan kompla ħeġġeġ għal iktar attivitajiet sportivi. Iżda minkejja x-xhur sħaħ ta' taħriġ, beda jinħass in-nuqqas ta' logħob kompetittiv. U hawn grazzi għall-interventi li għamlu d-diriġenti ta' dan it-tim, l-Uffiċjali tal-MABS ma sabux oġġezzjoni li jaċċetwhom u joħolqu dan l-ewwel kampjonat ta' din il-kategorija. Mhux hekk biss, iżda kien aċċettat li dan il-kampjonat jintlagħab fuq bażi ta' home u away.

Forsi wieħed jistagħġeb kif intagħażel l-isem ta' Redcoats meta Għajnsielem huwa assoċjat mal-iswed fejn fil-fatt il-klabb glorjuż tal-futbol tagħhom huwa magħruf bħala l-Blacks. L-għażla tal-isem ta' Għajnsielem Redcoats intagħażel bħala memorja tal-eluf ta' suldati Ingliżi li fuq perjodu ta' mitt sena kienu jużaw il-Forti Chambray bħala t-tieni dar tagħhom. Fil-fatt diversi sports bħal futbol, cricket u tennis raw it-twelied tagħhom f'Għawdex proprju fil-Forti Chambray li jinsab f'Għajnsielem, post li jiddomina l-port tal-Imġarr. Apparti dan kollu, matul dawn is-snin l-istess Ingliżi kienu ta' sostenn qawwi għall-ekonomija tal-istess raħal. Minn dan kollu tfaqqset l-idea tal-isem fejn imbagħad l-artist minn Għajnsielem stess Paul Stellini iddisinja l-logo tal-klabb.

Madankollu l-ħolqien u issa l-parteċipazzjoni ta' dan it-tim fil-kampjonat Malti ma setgħetx tkun possibli jekk mhux għal għajnuniet sostanzjali li rċieva mingħand l-Kunsill Lokali, kif ukoll mill-Ministru Dr. Chris Said. Anke l-istess ġenituri ta' dawn it-tfajliet għenu wkoll finanzjarjament għax emmnu bis-sħiħ li l-parteċipazzjoni ta' uliedhom fl-isport ser tgħinhom fuq kollox biex jibnu karattu aħjar fil-ħajja tagħhom, kif ukoll li jidraw jaħdmu bħala tim fuq il-prinċipji nobbli tal-fair play. Anke l-istess MABS għenet f'dak li huwa tagħmir u dan juri l-impenn li l-istess Assoċjazzjoni Maltija qed tinkoraġġixxi dan l-isport fil-gżejjer Maltin. Għalhekk dawn it-tfajliet li issa ser ikunu mmexxija mill-kowċ espert Charles Elvis Attard li ser ikun assistit minn Joseph Scicluna, qed iħarsu bl-ikbar ħeġġa għal din l-esperjenza ġdida f'ħajjithom. Dan għandu jkun ukoll ta' eżempju ħaj biex iktar Kunsilli Lokali u Għaqdiet oħra Għawdxin li jippromwovu l-isports tat-tfajliet fil-gżira Għawdxija li sfortunatement huwa wieħed limitat. Minn hawn nawguraw kull suċċess lil dawn it-tfajliet Għajnselmiżi u lid-diriġenti tagħhom.

Futbol

# Diversi akkwisti mill-Klabbs Għawdxin


Plejers ġodda ta' SK Victoria


Plejers ġodda ta' Nadur


Plejers ġodda ta' Nadur

**Il-Klabbs kollha Għawdxin biex issaħħu l-formazzjonijiet tagħhom għall-bidu ta' dan l-istaġun, kif kien mistenni għamlu diversi tibdiliet fosthom anke ta' plejers barranin li qed jagħmlu l-ewwel dehra tagħhom fil-Futbol Għawdxi. Dan seħħ ukoll fid-dawl li l-istess klabbs Għawdxin li jifformaw parti mill-ewwel diviżjoni qablu li jiżdied plejer ieħor barrani waqt il-logħob domestiku u sa erba' plejers fil-parteċipazzjoni tagħhom fil-U*Bet FA Trophy organizzata mill-MFA. Bla dubju jispikkaw it-timijiet tal-Ewwel Diviżjoni fejn kollha għamlu tibdil biex jiksbu s-suċċess mixtieq.**

Iċ-Champions Xewkija Tigers li ser jerġgħu jkunu mmexxija minn Simon Cassar, għamlu akkwist important meta ħadu magħhom lill-attakkant Skoċċiż Dene Shields (ex-Ħamrun S). Nadur Youngsters taħt il-kowċ il-ġdid Gotthard Conti, wkoll għamlu tibdil sostanzjali fejn ħadu magħhom lil Mark Grima (ex-Victoria H), Frankie Camilleri (ex-Kerċem A) u lid-difensur Brażiljan Sandro Muller. Għalihom reġa rritorna fl-attakk Joseph Portelli. SK Victoria Wanderers kienu wieħed mill-iktar timijiet li wettqu tibdil. Bħala kowċ huma issa għandhom lil Brian Azzopardi li huwa wkoll l-president tal-klabb. Huma ssaħħew b'John Paul Grima u Oliver Farrugia (ex-Victoria Hotspurs), Sam Frank Bajada (ex-Xagħra United), Eric Nwankwo (ex-Sannat L) u l-attakkant mill-Gwatemala Sergio Paz.

Xagħra United minn naħa tagħhom kienu msaħħa minn bosta akkwisti. Huma ser ikunu mmexxija mill-ex-plejer tagħhom John Cassar. Saħħew it-tim b'bosta akkwisti fejn Mario Azzopardi (ex-Żebbuġ) issa sar plejer tagħhom, filwaqt li reġgħu rritornaw l-aħwa Chris u John Camilleri (ex-Xewkija T) u Joseph Vella (ex-SK Victoria W). Ħadu wkoll magħhom lil Jason Portelli (ex-Għajnsielem) u l-Bulgaru Sauve Sabev Kootenski, kif ukoll lil Franċiż Maurice Hongla li fil-passat kien jilgħab ma' Sannat. Min-naħa tagħhom Sannat Lions ukoll għamlu diversi akkwisti. Taħt it-tmexxija l-ġdida tal-kowċ professjonali Spanjol Guillermo Ganet Seneko, huma ħadu lill-Albaniż Ernestia Qordia u lil Sunday Baala mill-Ghana, kif ukoll lil Patrick Camilleri u Emmanuel Cordina li fl-istaġun l-ieħor kienu ma' Għajnsielem. Victoria Hotspurs ser jerġgħu jkunu taħt it-tmexxija tal-kowċ Chris Buttigieg. Huma ħadu lis-Serbi Mirko Pekez u Jovicevic Milomir, Matthew Muscat (Nadur Y) u Ejofir Nkwocha (Xagħra U), kif ukoll reġgħu ħadu lil Justin Agius u Noel Borg (ex-Sannat L). It-tim promoss ta' Kerċem Ajax baqgħu taħt it-tmexxija tal-kowċ Josef Vella. Huma akkwistaw lil Bulgari Petar Kirilov Kyumyurdzhiev u Stoyko Sakaliev, kif ukoll lil Ian Xuereb (ex-Victoria H).

Anke fit-Tieni Diviżjoni, t-timijiet għamlu sforzi wkoll biex isaħħu l-formazzjonijiet tagħhom. It-tim relegat ta' Għajnsielem, taħt it-tmexxija ġdida tal-kowċ Taljan Renato Iacobbe żammew il-bosta żgħażagħ tagħhom fit-tama li jibnu tim għal-futur. St Laurence Spurs taħt it-tmexxija l-ġdida tal-kowċ Victor Caruana ħadu magħhom lil Victor John Saliba u Alan Cini (ex-Għarb R), Mark Sciberras (ex-Xagħra U) u Derek Borg (ex-Nadur Y). Oratory Youths immexxija minn kowċ ġdid, l-Ingliż Kevin Metcalf, akkwistaw lil Demis Bajada u Frank Attard (ex-Żebbuġ R) u Manwel Scerri (ex-Xagħra U). Munxar Falcons għal darb'oħra taħt id-direzzjoni ta' Shaun Attard, baqgħu bl-istess skwadra. Minn naħa tagħhom, Żebbuġ Rovers ħatru bħala kowċ lil Giovann Bugeja biex jieħu ħsieb it-tim f'dan l-istaġun. Huma akkwistaw diversi żgħażagħ bħal Joel Xiberras, Matthew Zammit, Nicholas Vella, Luke Mizzi, Joel Xuereb, Francesco Attard (ex-SK Victoria W), Joseph Buhagiar u Christian Bugeja (ex-Xagħra U) Ignatius Attard (ex-Kerċem A) u Charlon Mercieca (ex-Xewkija T).

Qala Saints għal darb'oħra taħt il-kowċ Charlie Attard akkwistaw lil Sean Muscat u Frank Paul Azzopardi (ex-Nadur Y), filwaqt li reġa' rritorna l-gowlkiper Kenny Grima. Għarb Rangers min-naħa tagħhom taħt it-tmexxija tal-kowċ Louis Grech, għamlu diversi akkwisti biex ikollhom tim kompetittiv. Huma ħadu lil Clayton Rapa, Nathan Theuma u Anthony Bajada (ex-Xagħra U), Helios Grech (ex-Kerċem A), Franco Azzopardi (ex-Sannat L), Godwin Micallef (ex-St Laurence S), Christian Azzopardi u Joseph Muscat (ex-Nadur Y), Orlando Atzori (ex-Oratory Y), Matthew Pace (ex-Xewkija T), Josmar Farrugia u Nicholas Mercieca (Victoria H).

# Neptunes champions għall-21 darba

## Marsaskala jirbħu l-Kampjonat tal-I Diviżjoni


Neptunes champions tal-Premier

Wara r-rebħ tal-unuri oħrajn, kemm mill-kategorija Premier kif ukoll minn dik tal-Ewwel Divizjoni, kien fadal it-taqtiegħa għall-aħħar u l-ogħla unur - il-Kampjonat BOV - tad-Diviżjoni Premier u tal-Ewwel Diviżjoni, biex l-istaġun 2012 jiġi fi tmiemu.

Fil-Kampjonat Premier, iż-żewġ timijiet li kkwalifikaw għall-finali tal-'Play Offs' kienu Neptunes Emirates, li għaddew awtomatikament għall-finali bl-ewwel post li kisbu, u Sliema McDonalds, li eliminaw lil San Giljan Giuseppe's f'żewġ logħbet tas-semi finali, bl-aħħar waħda tmur għall-għoti tal-penalties. Neptunes żammew ir-rebħ tal-kampjonat għat-tielet staġun konsekuttiv … u għall-21 darba fl-istorja tagħhom meta għelbu lis-Slimiżi b'aggregate ta' 3-1 … biex spiċċaw ukoll biex rebħu żewġ unuri meta qabel kienu rebħu l-BOV Knock-Out. Iż-żewġ unuri l-oħra marru għand Sliema - il-Kampjonat tax-Xitwa u t-Tazza tal-President … jew aħjar is-Super Cup.

Fl-Ewwel Divizjoni, Marsaskala MOR€ spiċċaw fuq quddiem, aċċertati mill-isfida sal-aħħar meta daħlu fil-finali. Warajhom ġew Valletta Sterling u Otters Nivea li lagħbu s-semi finali, ukoll l-aħjar minn tliet partiti biex il-Beltin għaddew għall-finali b'żewġ rebħiet wara li tilfu l-ewwel partita. Il-Kampjonat intrebaħ, bħall-istaġun li għadda, minn Marsaskala, b'żewġ rebħiet fuq Valletta biex b'hekk inkurunaw staġun sabiħ meta rebħu t-tliet unuri li kien hemm għad-dispożizzjoni - it-Tazza Għaqda Gurnalisti Sports, il-BOV Knock-Out u l-Kampjonat BOV.

**BOV Play-Offs I Diviżjoni**
**Semi Finali 1**
Valletta Sterling ............................. 10
Otters Nivea................................... 12
(2-4, 2-2, 4-4, 2-2)
Referis: A. De Raffaele, S. Licari

**Semi Finali 2**
Otters Nivea ................................... 10
Valletta Sterling ............................. 12
(2-2, 2-3, 4-3, 2-4)
Referis: M. Dalli, R. Spiteri

**Semi Finali 3**
Valletta Sterling ............................. 12
Otters Nivea.................................... 8
(1-1. 2-2, 4-2, 5-3)
Referis: I. Sciriha, P. Giordano

**BOV Play-Offs I Diviżjoni**
**Finali 1**
M'scala MOR€ ................................ 14
Valletta Sterling ............................. 12
(2-3, 6-2, 4-3, 2-4)
Referis: P. Giordano, S. Scollo

**Finali 2**
Valletta Sterling ............................. 9
M'scala MOR€ ................................ 14
(3-3, 4-2, 1-4, 1-5)
Referis: M. Dalli, M. Sponza

**BOV Play Offs Premier 4/5 Post**
Sirens Ritter Sport ......................... 11
Exiles Ferretti................................. 10
(wara l-ħin barrani)
(1-2, 2-3, 3-2, 4-3) – (1-0, 0-0)
Referis. I. Sciriha, M. Angileri

**BOV Play Offs Premier Semi Finali 1**
Sliema McDonalds ......................... 12
San Giljan Giuseppe's ................... 10
(2-2, 1-3, 4-2, 5-3)
Referis: M. Dalli, D. Lo Dico

**Semi Finali 1**
San Giljan Giuseppe's..................... 8
Sliema McDonalds........................... 8
(wara ħin barrani) (15-16 bil-penalties)
(2-1, 3-3, 1-1, 2-1) – (0-0,0-0)

**BOV Play Offs**
**Premier Finali 1**

Neptunes Emirates ......................... 11
Sliema McDonalds............................ 6
(1-2, 4-2, 4-2, 2-0)
Referis: M.Dalli, L. Bianco

**Finali 2**
Sliema McDonalds............................ 5
Neptunes Emirates ......................... 11
(2-3, 1-3, 0-3, 2-2 )
Referis: M. Angileri, F. Collantoni

**Finali 3**
Neptunes Emirates ......................... 8
Sliema McDonalds ........................... 11
(1-2, 2-4, 3-1, 2-4)
Referis: I. Sciriha, A. Severo

**Finali 4**
Sliema McDonalds ........................... 6
Neptunes Emirates ......................... 9
(1-2, 0-3, 3-3, 2-1 )
Referees: M. Angileri, M. Savarese





# Rebbieħa tal-Kampjonat

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1925 | Sliema United | 1971 | Valletta |
| 1926 | Valletta | 1972 | Neptunes |
| 1927 | ma saritx | 1973 | Valletta |
| 1928 | ma saritx | 1974 | Sliema |
| 1929 | Sliema United | 1975 | Sliema |
| 1930 | ma saritx | 1976 | Sliema |
| 1931 | ma saritx | 1977 | Neptunes |
| 1932 | Sliema United | 1978 | Sliema |
| 1933 | Neptunes | 1979 | Sliema |
| 1934 | Neptunes | 1980 | Valletta |
| 1935 | Sliema United | 1981 | Sliema |
| 1936 | ma saritx | 1982 | Sliema |
| 1937 | Neptunes | 1983 | Sliema |
| 1938 | Neptunes | 1984 | Neptunes |
| 1939 | Sliema | 1985 | Valletta |
| 1940/44 | ma saritx | 1986 | Neptunes |
| 1945 | Neptunes | 1987 | Neptunes |
| 1946 | Sliema | 1988 | Neptunes |
| 1947 | Sliema | 1989 | Neptunes |
| 1948 | Sliema | 1990 | Valletta |
| 1949 | Neptunes | 1991 | Sliema |
| 1950 | Valletta | 1992 | San Giljan |
| 1951 | Valletta | 1993 | Neptunes |
| 1952 | Balluta | 1994 | San Giljan |
| 1953 | Sliema | 1995 | San Giljan |
| 1954 | Sliema | 1996 | Sliema |
| 1955 | Valletta | 1997 | Marsaskala |
| 1956 | Valletta | 1998 | Sliema |
| 1957 | Sliema | 1999 | Sliema |
| 1958 | Balluta | 2000 | Sirens |
| 1959 | Sirens | 2001 | Sliema |
| 1960 | Sirens | 2002 | Sliema |
| 1961 | Sirens | 2003 | Sliema |
| 1962 | Sliema | 2004 | Siema |
| 1963 | Balluta | 2005 | Sirens |
| 1964 | Neptunes | 2006 | Neptunes |
| 1965 | Balluta | 2007 | Neptunes |
| 1966 | Balluta | 2008 | Sliema |
| 1967 | Sirens | 2009 | Sliema |
| 1968 | Sliema | 2010 | Neptunes |
| 1969 | Neptunes | 2011 | Neptunes |
| 1970 | Valletta | 2012 | Neptunes |



Marsaskala champions tal-I Diviżjoni

# Skorers

| Premier | Goals |
|---|---|
| Steve Camilleri (Neptunes) | 78 |
| Ferenc Salamon (Sliema) | 59 |
| Marthon Toth (Exiles) | 48 |
| Tamas Molnar (Neptunes) | 46 |
| Csaba Kiss (Sirens) | 45 |
| Nikola Sutic (San Giljan) | 41 |
| John Soler (Sliema) | 41 |
| Arpad Babay (Sirens) | 39 |
| Michele Stellini (Neptunes) | 37 |
| Jerome Gabarretta (Sliema) | 33 |

| I Diviżjoni | Goals |
|---|---|
| Joseph Kayes (Marsaskala) | 88 |
| Zoltan Radocz (Otters) | 63 |
| David Zoltan (Valletta) | 57 |
| Timmy Agius (Valletta) | 50 |
| Yuri Szeles (Ta' Xbiex) | 46 |
| John Paris (Otters) | 45 |
| Mate Balatoni (Otters) | 41 |
| Laszlo Suranyi (Ta' Xbiex) | 39 |
| Gabor Hedegus (Marsaskala) | 35 |
| John Licari (Marsaskala) | 34 |






*Michael Leslie u Scott Donaldson, tnejn mill-plejers li ħadu sehem fl-aħħar edizzjonijiet tal-European Under 17 Snooker Open, f'Malta*

# Kampjonat Ewropew tal-U/17 għas-seba' darba, f'Jannar 2013

Pro-Am Snooker ħabbar id-dati tas-seba' edizzjoni tal-European Under 17 Snooker Open li ser jintlagħab f'pajjiżna, bejn il-5 u t-13 ta' Jannar 3013.

L-aqwa 24 plejer minn madwar l-Ewropa, mistennija jieħdu sehem fosthom anke plejers żgħażagħ Maltin. Dawk il-plejers Maltin li jixtiequ jieħdu sehem għandhom jitfgħu l-applikazzjonijiet tagħhom sa mhux aktar tard mill-15 ta' Ottubru, li ġej.

Ser issir kompetizzjoni bejn l-applikanti kollha fejn imbagħad jiġu magħżula erba' plejers. Din ser tkun opportunità oħra għall-plejers Maltin li jkollhom esperjenza internazzjonali. F'Lulju li għadda, Pro-Am Snooker tella' tliet plejers Maltin, l-Ingilterra, biex jipparteċipaw fil-European Under 18 Snooker Open u kisbu riżultati eċċezzjonali, b'mod speċjali Brian Cini li rnexxielu jasal mal-aħħar tmienja minn 72 parteċipant.

Tliet plejers li ħadu sehem fl-edizzjonijiet preċedenti, saru professjonali. Dawn huma l-Belġjan Luca Brecel u l-Iskoċċiżi Michael Leslie u Scott Donaldson. L-aktar plejer Malti li spikka f'dawn l-edizjonijiet kien Thurston Grixti meta, fl-2007, spiċċa fit-tielet post filwaqt li Shaun Sultana u Brian Cini it-tnejn spiċċaw fir-raba' post, fl-2010 u fl-2012, rispettivament.

Bħal ma ġara fl-edizzjonijiet ta' qabel, il-plejers kollha, inklużi dawk Maltin, ser jingħataw akkommodazjoni u buffet breakfast b'xejn għal għaxart ijiem sħaħ f'lukanda ta' erba' stilel.

Il-premjijiet ta' flus ser ilaħħqu minimu ta' €700.

minn Vincent Pisani






*John Higgins l-aktar li rebaħ premjijiet matul dawn l-aħħar sentejn*

# L-aktar plejers li rebħu premjijiet ta' flus matul dawn l-aħħar sentejn

**Il-lista tal-aktar plejers li rebħu premjijiet ta' flus mill-isnooker taqra hekk:**

| | | |
|---|---|---|
| 1. | John Higgins | £491,908 |
| 2. | Ronnie O'Sullivan | £442,930 |
| 3. | Judd Trump | £417,441 |
| 4. | Mark Selby | £333,026 |
| 5. | Neil Robertson | £315,325 |
| 6. | Mark Williams | £308,394 |
| 7. | Alister Carter | £289,935 |
| 8. | Stephen Maguire | £280,643 |
| 9. | Stephen Lee | £262,643 |
| 10. | Shaun Murphy | £258,850 |
| 11. | Mark Allen | £250,574 |
| 12. | Ding Junhui | £242,919 |



*Mark Selby ... fir-raba' post*

# IBSF World Championship fil-Bulgarija

L-International Billiard & Snooker Federation ħabbret li l-Kampjonat Mondjali tal-isnooker ser isir fil-belt kapital Bulgara, f'Sofia, bejn l-24 ta' Novembru u t-2 ta' Diċembru, li ġej.

Dan il-Kampjonat kellu jsir fl-Eġittu imma wara ġie deċiż li jitħassar fuq bażi ta' sigurtà.

Tħabbar ukoll li l-Betfair European Tour - Event 4, ser isir ukoll fil-Bulgarija bejn il-15 u t-18 ta' Novembru, li ġej.

# Brian Cini jikser ir-rekord ta' Thurston Grixti biex isir l-iżgħar plejer fil-Premier League

Ta' 15-il-sena u 7 xhur, Brian Cini sar l-iżgħar plejer li rnexxielu jitla' fil-Premier League. L-iżgħar plejer preċedenti kien Thurston Grixti meta irnexxielu jitla' fil-Premier League ta' 15-il-sena u 11-il xahar.

Fl-istaġun li għadda, Cini rnexxielu jirbaħ il-logħob kollu fil-Fażi tal-Gruppi, fl-Ewwel Diviżjoni, biex imbagħad tilef fil-final.

Brian Cini, ippreżenta wkoll lil Malta fil-European Under 21 Snooker Championship, fil-Bulgarija, fejn minn 80 plejer huwa irnexxielu jasal mal-aħħar 32, filwaqt li anke ħa sehem fil-European Under 17 Snooker Open f'pajjiżna u fil-European Under 18 Snooker Open, fl-Ingilterra, fejn kiseb riżultati eċċezzjonali.

Infakkru li fil-European Under 17 Snooker Open huwa rnexxielu jasal sas-semi-finali filwaqt li fil-European Under 18 Snooker Open, fl-Ingilterra, irnexxielu wkoll jasal sal-kwarti-finali minn total ta' 72 plejers parteċipanti.

## Betfair European Tour 1 - Ġermanja

# Aaron Busuttil megħlub minn Stephen Lee

Il-plejer Malti, Aaron Busuttil, kellu l-ewwel esperjenza tiegħu fil-Betfair European Tour 1, f'Furth, fil-Ġermanja. Fl-ewwel rawnd preliminari huwa ħa *walk-over* fuq Ali Abdul Kareem tal-Emerati Għarab Magħquda filwaqt li fit-tieni rawnd Busuttil elimina lil Ġermaniż, Matthias Porn 4-0.

Fl-ewwel rawnd proprju tal-kompetizzjoni, jiġifieri, fl-ahhar 128, huwa safa megħlub 4-0 mill-plejer professjonali Stephen Lee.

Mark Selby rebaħ dan it-tournament meta fil-final huwa għeleb lil Joe Swail 4-1. Selby rebaħ is-somma ta' €12,000.

# Alonso qrib ir-rebħ tat-titlu






## Riżultati tal-GP tal-Belġju

### 02.09.2012 - Spa-Francorchamps

| | |
|---|---|
| 1. Jenson Button (Britannja) McLaren | 1:29:08.530 |
| 2. Sebastian Vettel (Ġermanja) RedBull | +00:13.624 |
| 3. Kimi Raikkonen (Finlandja) Lotus | 00:25.334 |
| 4. Nico Huelkenberg (Ġermanja) Force India | 00:27.843 |
| 5. Felipe Massa (Brażil) Ferrari | 00:29.845 |
| 6. Mark Webber (Awstralja) RedBull | 00:31.244 |
| 7. Michael Schumacher (Ġermanja) Mercedes | 00:53.374 |
| 8. Jean-Eric Vergne (Franza) Toro Rosso | 00:58.865 |
| 9. Daniel Ricciardo (Awstralja) Toro Rosso | 01:02.982 |
| 10. Paul Di Resta (Britannja)Force India | 01:03.783 |
| 11. Nico Rosberg (Ġremanja) Mercedes | 01:05.111 |
| 12. Bruno Senna (Brażil) Williams | 01:11.529 |
| 13. Kamui Kobayashi (Ġappun) Sauber | 01:56.119 |
| 14. Vitaly Petrov (Russja) Caterham | 1 lap |
| 15. Timo Glock (Ġermanja) Marussia | 1 lap |
| 16. Charles Pic (Franza) Marussia - Cosworth | 1 lap |
| 17. Heikki Kovalainen (Finlandja) Caterham - Renault | 1 lap |
| 18. Pedro de la Rosa (Spanja) HRT | 1 lap |
| **Iritraw** | |
| Narain Karthikeyan (Indja) HRT | 15 laps |
| Pastor Maldonado (Venezwela) Williams | 40 laps |
| Romain Grosjean (Franza) Lotus - Renault | 44 laps |
| Lewis Hamilton (Britannja) McLaren | 44 laps |
| Fernando Alonso (Spanja) Ferrari | 44 laps |

## Riżultati tal-GP tal-Italja

### 09.09.2012 - Monza

| | |
|---|---|
| 1. Lewis Hamilton (Britannja) McLaren | 1:19:41.221 |
| 2. Sergio Perez (Messiku) Sauber | +00:04.356 |
| 3. Fernando Alonso (Spanja) Ferrari | 00:20.594 |
| 4. Felipe Massa (Brażil) Ferrari | 00:29.667 |
| 5. Kimi Raikkonen (Finlandja) Lotus | 00:30.881 |
| 6. Michael Schumacher (Ġermanja) Mercedes | 00:31.259 |
| 7. Nico Rosberg (Ġermanja) Mercedes | 00:33.550 |
| 8. Paul Di Resta (Britannja) Force India | 00:41.057 |
| 9. Kamui Kobayashi (Ġappun) Sauber | 00:43.898 |
| 10. Bruno Senna (Brażil) Williams | 00:48.144 |
| 11. Pastor Maldonado (Venezwela) Williams | 00:48.682 |
| 12. Daniel Ricciardo (Awstralja) Toro Rosso | 00:50.316 |
| 13. Jerome d'Ambrosio (Belġju) Lotus | 01:15.861 |
| 14. Heikki Kovalainen (Finlandja) Caterham | 1 lap |
| 15. Vitaly Petrov (Russja) Caterham | 1 lap |
| 16. Charles Pic (Franza) Marussia | 1 lap |
| 17. Timo Glock (Ġemanja) Marussia | 1 lap |
| 18. Pedro de la Rosa (Spanja) HRT | 1 lap |
| 19. Narain Karthikeyan (Indja) HRT | 1 lap |
| **Iritraw** | |
| Mark Webber (Awstralja) RedBull | 2 laps |
| Nico Huelkenberg (Ġermanja) Force India | 3 laps |
| Sebastian Vettel (Ġermanja) RedBull | 6 laps |
| Jenson Button (Britannja) McLaren | 21 laps |
| Jean-Eric Vergne (Franza) Toro Rosso | 45 laps |

## Riżultati tal-GP ta' Singapore

### 23.09.2012 - Marina Bay

| | |
|---|---|
| 1. Sebastian Vettel (Ġermanja) RedBull | 2:00:26.144 |
| 2. Jenson Button (Britannja) McLaren | +00:08.959 |
| 3. Fernando Alonso (Spanja) Ferrari | 00:15.227 |
| 4. Paul Di Resta (Britannja) Force India | 00:19.063 |
| 5. Nico Rosberg (Ġermanja) Mercedes | 00:34.784 |
| 6. Kimi Raikkonen (Finlandja) Lotus | 00:35.759 |
| 7. Romain Grosjean (Franza) Lotus | 00:36.698 |
| 8. Felipe Massa (Brażil) Ferrari | 00:42.829 |
| 9. Daniel Ricciardo (Australja) Toro Rosso | 00:45.820 |
| 10. Sergio Perez (Messiku) Sauber | 00:50.619 |
| 11. Mark Webber (Awstralja) RedBull | 01:07.175 |
| 12. Timo Glock (Ġermanja) Marussia | 01:31.918 |
| 13. Kamui Kobayashi (Ġappun) Sauber | 01:37.141 |
| 14. Nico Huelkenberg (Ġermanja) Force India | 01:39.413 |
| 15. Heikki Kovalainen (Finlandja) Caterham | 01:47.967 |
| 16. Charles Pic (Franza) Marussia | 02:12.925 |

## Klassifika

| | |
|---|---|
| 1. Fernando Alonso (Spanja) Ferrari | 194 |
| 2. Sebastian Vettel (Ġermanja) Red Bull | 165 |
| 3. Kimi Raikkonen (Finlandja) Lotus | 149 |
| 4. Lewis Hamilton (Britannja) McLaren | 142 |
| 5. Mark Webber (Awstralja) Red Bull | 132 |
| 6. Jenson Button (Britannja) McLaren | 119 |
| 7. Nico Rosberg (Ġermanja) Mercedes | 93 |
| 8. Romain Grosjean (Franza) Lotus | 82 |
| 9. Sergio Perez (Messiku) Sauber | 66 |
| 10. Felipe Massa (Brażil) Ferrari | 51 |

### Kostrutturi

| | |
|---|---|
| 1. RedBull | 297 |
| 2. McLaren | 261 |
| 3. Ferrari | 245 |
| 4. Lotus | 231 |
| 5. Mercedes | 136 |
| 6. Sauber | 101 |
| 7. Force India | 75 |
| 8. Williams | 54 |
| 9. Toro Rosso | 14 |



Lewis Hamilton (McLaren)



Dani Pedrosa quddiem Jorge Lorenzo, f'Brno

# Jorge Lorenzo jkabbar il-vantaġġ

## Riżultati tal-GP tar-Repubblika Ċeka

### 26.08.2012 - Brno

| | |
|---|---|
| 1. Dani Pedrosa (Spanja) Honda | 42:51.570 |
| 2. Jorge Lorenzo (Spanja) Yamaha | 42:51.748 |
| 3. Cal Crutchlow (Britannja) Yamaha | 43:03.913 |
| 4. Andrea Dovizioso (Italja) Yamaha | 43:10.161 |
| 5. Stefan Bradl (Ġermanja) Honda | 43:17.152 |
| 6. Alvaro Bautista (Spanja) Honda | 43:21.021 |
| 7. Valentino Rossi (Italja) Ducati | 43:26.084 |
| 8. Randy de Puniet (Franza) Aprilia | 43:55.855 |
| 9. Karel Abraham (Rep Ċeka) Ducati | 43:59.848 |
| 10. Aleix Espargaro (Spanja) Aprilia | 44:01.542 |
| 11. Toni Elias (Spanja) Ducati | 44:01.573 |
| 12. Yonny Hernandez (Kolumbja) Kawasaki | 44:15.610 |
| 13. Colin Edwards (Stati Uniti) Suter | 44:19.468 |
| 14. Michele Pirro (Italja) Honda | 44:27.735 |
| 15. James Ellison (Britannja) Aprilia | 44:32.135 |

## Riżultati tal-GP ta' San Marino

### 16.09.2012 - Misano

| | |
|---|---|
| 1. Jorge Lorenzo (Spanja) Yamaha | 42:49.836 |
| 2. Valentino Rossi (Italja) Ducati | 42:54.234 |
| 3. Alvaro Bautista (Spanja) Honda | 42:55.891 |
| 4. Andrea Dovizioso (Italja) Yamaha | 42:55.894 |
| 5. Ben Spies (Stati Uniti) Yamaha | 42:57.379 |
| 6. Stefan Bradl (Ġermanja) Honda | 43:03.108 |
| 7. Nicky Hayden (Stati Uniti) Ducati | 43:30.743 |
| 8. Jonathan Rea (Britannja) Honda | 43:32.998 |
| 9. Randy de Puniet (Franza) Aprilia | 43:59.463 |
| 10. Michele Pirro (Italja) Honda | 44:03.441 |
| 11. Colin Edwards (Stati Uniti) Suter | 44:06.531 |
| 12. Yonny Hernandez (Kolumbja) Kawasaki | 44:08.909 |
| 13. James Ellison (Britannja) Aprilia | 44:09.244 |
| 14. Danilo Petrucci (Italja) Ioda | 26 Laps |
| 15. David Salom (Spanja) Kawasaki | 26 Laps |

## Klassifika

**Sewwieqa**

| | |
|---|---|
| 1. Jorge Lorenzo (Spanja) Yamaha | 270 |
| 2. Dani Pedrosa (Spanja) Honda | 232 |
| 3. Casey Stoner (Awstralja) Honda | 186 |
| 4. Andrea Dovizioso (Italja) Yamaha | 163 |
| 5. Cal Crutchlow (Britannja) Yamaha | 122 |
| 6. Valentino Rossi (Italja) Ducati | 120 |
| 7. Alvaro Bautista (Spanja) Honda | 118 |
| 8. Stefan Bradl (Ġermanja) Honda | 115 |
| 9. Nicky Hayden (Stati Uniti) Ducati | 93 |
| 10. Ben Spies (Stati Uniti) Yamaha | 77 |
| 11. Hector Barbera (Spanja) Ducati | 60 |
| 12. Randy de Puniet (Franza) Aprilia | 48 |
| 13. Aleix Espargaro (Spanja) Aprilia | 45 |
| 14. Karel Abraham (Rep. Ċeka) Ducati | 25 |
| 15. Yonny Hernandez (Kolumbja) Kawasaki | 25 |



Jorge Lorenzo jieħu l-vantaġġ f'Misano u (isfel) ibus it-trofew wara li rebaħ il-Moto GP ta' San Marino



## Paġni mill-Istorja tat-Tiġrija tal-Vitorja

# It-Tiġrija tal-Vitorja (1990-1999) ... It-Tmien Parti

Fost l-inċidenti li seħħu f'din l-epoka nsemmi biss dawk li l-aktar li għamlu ħoss u ġibdu l-attenzjoni tal-korrispondenti sportivi. Fl-edizzjoni tal-1990, id-distrett tal-Isla ma kompliex jieħu sehem fir-Regatta wara li l-ġurija skwalifikat id-dgħajsa tagħhom fil-korsa tad-dgħajjes tal-Pass b'Żewġt Imqadef. B'din id-deċiżjoni marret taj-jeb Bormla għaliex bl-irtirar tal-Isla mir-Regatta huma ma setgħux ifallu milli jirbħu x-Shield. Silta meħuda minn rapport sportiv tagħtina tagħrif x'kienet il-kawża li wasslet lis-Sengleani jirtiraw mir-Regatta: *'...id-dgħajjes ta' Bormla spiċċaw fl-ewwel żewġ postijiet u dawk tal-Isla warajhom. Pero it-tieni dgħajsa ta' Bormla ġiet skwalifikata minħabba ksur tar-regolamenti waqt it-tiġrija. Ġara pero' li tieni dgħajsa tal-Isla li ġiet ikklassifikata fit-tielet post flok dik ta' Bormla ġiet skwalifikata wkoll għaliex ma ġietx ippreżentata biex tintiżen. Din id-deċiżjoni qalgħet ħafna argumenti, bl-uffiċjali tal-Isla jitilqu lejn pajjiżhom, u l-qaddiefa minkejja marru għat-tluq ma ħadux sehem fir-raba' tiġrija, dik tal-Kajjikki b'żewġt imqadef biex hawnhekk kollox kien mitmum għalihom...'*

L-irtirar tad-distrett tal-Isla mir-Regatta ġab miegħu reazzjoni qawwija mill-partitarji Sengleani u Bormliżi. Partitarju Senglean ikkummenta hekk dwar id-deċiżjoni li ħa l-kumitat tiegħu biex jirtira mir-Regatta: *'... meta smajthom jgħidu li l-Isla rtirat mir-Regatta ddejjaqt ħafna ... aħna klabb sportiv u dejjem ħadna sehem minkejja li għal 23 sena sħaħ qatt ma rnexxielna nirbħu x-Shield ... ma nafx x'kien il-mottiv ta' din id-deċiżjoni ...'*

Dwar l-istess każ partitarju Bormliż saħaq: *'... il kumitat tal Isla jaf tajjeb li kull dgħajsa tal-Pass li tirbaħ palju trid tintiżen ... għalija din kienet skuża għax raw li m'għandhomx ċans li jirbħu x-Shield u bl-iskuża li huma ma qablux mad-diċiżjoni tal-ġurija rtiraw mit-tiġrija allavolja dejjem jiftaħru li hi tagħhom ... naħseb li l-mottiv kien wieħed finanzjarju ...'*

Qaddief mill-Isla kien kawt ħafna filkummenti dwar l-inkwiet li jinqala' fir-Regatta: *'... għalkemm rari ħafna jkollna l-inċidenti vjolenti fir-Regatta, madankollu kull meta jseħħu, dawn jitfgħu dell ikraħ fuq dan l-isport tradizzjonali tal-baħar u n-nies tibda tibża' tinżel ix-xatt..'*

Inċidenti serji ta' ġlied seħħu wkoll fir-Regatta tal-1993. Il-korrispondenti sportivi unimament ikkritikaw l-organizzazzjoni tar-Regatta fuq l-atteġġament ħażin ta' xi partitarji. Silta meħuda minn rapport sportiv, għalkemm mhux waħda dettaljata, tkellimna dwar id-dewmien, protesti u l-inkwiet serju li nqala' d-dwana f'din l-edizzjoni: *'... donnu li r-Regatta Nazzjonali tkompli tħaddan ċertu ambjent uniku magħha li bejn dewmien, protesti, skwalifika, ġlied u antagoniżmu donnu kollu jibqa' jkun aċċettat. Forsi fl-edizzjoni tal-bieraħ id-dewmien esaġerat partikolarment fl-ewwel parti tar-Regatta seta' kellu effett fuq il-bqija tar-Regatta li din is-sena ħadet 'il fuq minn ħames sigħat ... wieħed ma jistax ma jiddeplorax l-inċidenti li reġgħu seħħew bi ġlied bla bżonn u bla sens li ma jagħmilx ġieħ lill-pajjiżna quddiem ħafna turisti li l-bieraħ ingħaqdu mal-Maltin biex isegwu dan l-avveniment nazzjonali...'*

Silta oħra titkellem dwar l-istess inċidenti li nqalgħu fid-dwana fl-1993 wara li ntemmet it-tiġrija tad-dgħajjes tal-Pass b'Żewġt Imqadef tgħidilna hekk: *'... f'din it-tiġrija l-Isla daħlu l-ewwel u Bormla daħlu warjahom. Meta tħabbar ir-riżultat, il-ġurija skawlifikat lill-Isla u lill-Bormla għaliex saħqet li dawn iż-żewġ dgħajjes ikkrossjaw minn lane għall-oħra f'distanza iqsar minn dik stipulata b'regolament mid-dwana. Hawnhekk qamu protesti kbar mill-partitarji ta' l-Isla u ta' Bormla u nqala' xi ġlied ukoll mal-partitarji tal-belt...'* Silta oħra qasira titkellem dwar l-andament ta' dawn it-tiġrijiet: *'... din it-tiġrija tib-qa' tissemma' għal mod diżorganizzat li bih tmexxiet...'*

Protesti oħrajn seħħu wkoll fir-Regatta tal-1996. L-ewwel protest sar mill-Beltin hekk kif intemmet it-tiġrija tad-dgħajjes tal-Midalji. Dwar dan il-protest tkellimna din is-silta: *'... il-kumitat ta' Marsamxett ipprotesta bil-qawwa kollha, meta t-tielet post wara li kien konsultat il-photo-finish ingħata lill-Bormla. Mhux li l-partitarji ta' Marsamxett/Valletta ikkontestaw il-photo-finish, daqskemm il-fatt li lmentaw li l-lanċa tal-ġurija kienet għaddiet wisq qrib id-dgħajsa tagħhom u mtlietha bl-ilma ...'*

Wara li ntemmet it-tiġrija tad-dgħajjes tal-Pass ta' bi Tnejn, il-Beltin ilmentaw mal-ġurija dwar regolament li jitkellem dwar il-piż fid-dgħajjes tal-Pass: Hawnhekk ukoll se nirreferu għal silta oħra li tkellimna dwar dan ilment: *'... il-partitarji u l-kumitat ta' Marsamxett/Valletta deħru rrabjati meta għat-tiġrija mhux id-distretti kollha, kif kienu l-istruzzjonijiet, kellhom il-katina mal-piż. Kien hemm waqtiet fejn fihom deher ċar li r-Regatta setgħet tisfratta. Iżda wara li l-Kumitat Organizzattiv ikkonsulta mad-delegati tas-sitt distretti li ħadu sehem, ġie miftiehem li l-programm jitkompla, l-aqwa li d-dgħajsa rebbieħa tonora l-piż mogħti lilha...'*

F'taqsimiet 3 u 4 aċċennajna, li malqalba tas-snin 90 kulħadd beda josserva li n-nies ta' kull sena bdiet tonqos li tattendi għar-Regatta. Sfortunatament is-sitwazzjoni kompliet aktar tiggrava mal-qalba tas-seklu. Bla dubju ta' xejn it-tiġrijiet tad-dgħajjes minn dejjem



*It-tiġrija tad-dgħajjes tal-Midalji ta' Taħt it-23 sena mirbuħa minn Bormla, fl-1998*

minn Joseph Serracino





*Fażi mit-tiġrija akkanita tal-Kajjikki, b'ħames Kajjikki f'linja waħda f'nofs il-korsa fit-Tiġrija tal-Vitorja tal-1999*

kienu joħolqu l-ispettaklu kbir fil-Port il-Kbir, kemm bħala kompetizzjoni akkanita bil-parteċipazzjoni sħiħa ta' sitt klabbs, u aktar minn hekk, minħabba l-pika kbira li ilha teżisti fosthom għall-mijiet ta' snin, l-aktar fost id-distretti tal-Kottonera. S'intendi, f'nofs din il-konfrontazzjoni qalila, insibu l-ispettaturi u l-partitarji li kontinwament jiġġeneraw l-atmosfera ta' briju u jkomplu jistimulaw il-pika fost il-qaddiefa avversarji. U aktar mat-tiġrijiet ikunu akkaniti, aktar l-atmosfera issir eċċitanti. Hekk kienu t-tiġrijiet tad-dgħajjes sa 40 sena ilu!

Xi sentejn ilu, kont qiegħed id-dwana u dilettant Bormliż staqsieni: *'X'jiswa li jkollok sitt distretti armati tajjeb bl-aqwa qaddiefa, b'opri ġodda, b'kanal li kapaċi jospita' 10 opri, tiġrijiet sbieħ u akkaniti, imbagħad fuq il-mollijiet, fuq iż-żewġ naħat tal-kanal ikollok biss ġemgħat żgħar ta' spettaturi u erba' inġenji madwar il-kanal"* *"Sewwa qed tgħid"*, weġibtu, *"in-nies naqset drastikament"* Għax ngħiduha kif inhi, is-sabiħ ta' kull kompetizzjoni mhix biss t-taqtiegħa ħarxa fost l-atleti, iżda wkoll l-atmosfera li jqanqlu l-ispettaturi, li kif nafu tagħti l-ħajja lill-kompetizzjoni u żżid l-emozzjoni u l-eċċitament fost l-atleti.

Hawnhekk nistaqsi, xi preġju jkun fiha partita futbol, ngħidu aħna - il-final tal-FA Trophy, li tintlagħab bejn l-aktar żewġ klabbs rivali Maltin, Valletta u Floriana, fi grawnd b'200 spettatur? Irrispettivament kemm il logħba tkun sabiħa, akkanita u eċċitanti, jekk il-grawnd għal din il-logħba ma jkunx mimli daqs bajda bl-ispettaturi, fosthom il-partitarji li kontinwament iħeġġu lill-benjamini tagħhom bil-kant, bl-għajjat u d-daqq tat-tnabar, din il-logħba titlef l-ispirtu tagħha – tkun qisha logħba ta' ħbiberija li tintlagħab fi grawnd sekondarju. Sfortunatament din hi s-sitwazzjoni tar-Regatta llum! Jekk ma ssirx promozzjoni qawwija u effettiva ħafna dwar ir-Regatta fuq ir-radji u televiżjoni biex permezz tagħha tqanqal in-nies u terġa' tibda tinżel fir-port, nibża' li din it-tradizzjoni se tibqa sejra lura. Ma tmutx, għax sakemm żewġ klabbs jibqgħu attivi u jikkompetu bejniethom, din it-tradizzjoni tibqa' ħajja iżda titlef ħafna mill-ispirtu tagħha.

Ta' kull sena, ħafna dilettanti qegħdin jistaqsu x'qed isir min-naħa tal-Assoċjazzjoni tar-Regatta u mill-KMS biex iħajru lin-nies terġa' tinżel u timla' mollijiet tal-Belt fiż-żewġ Regatti? Ir-Regatta Nazzjonali qed tingħata promozzjoni fuq ir-radji u t-televiżjoni daqs kemm jingħata l-futbol, il-waterpolo, iż-żwiemel u ħafna sport ieħor? Il-kummentaturi sportivi qegħdin ikunu mħejjin tajjeb biex jikkummentaw dwar ir-Regatta? Min veru għandu interess li din it-tradizzjoni tibqa' ħajja fost il-poplu tagħna qed jistudja sewwa l-qagħda preżenti? X'mar ħażin u x'hemm bżonn isir biex din it-tradizzjoni terġa' tieħu r-ruħ jaf kulħadd – nittama, li dak li għandu jsir ... isir malajr jekk nixtiequ li ż-żewġ Regatti jibqgħu jsiru f'nharhom ta' kull sena.

Fuq il-problema ta' nuqqas ta' nies fiż-żewġ Regatti matul is-snin 90 ikkummentaw kemm qaddiefa kif ukoll dilettanti. Nafu li l-fatturi jvarjaw minn dewmien esaġerat bejn korsa u oħra, li t-tiġrijiet fir-Regatta Nazzjonali m'għandhomx ikunu b'aktar minn ħamsa u biex jagħmel tajjeb għal dan in-nuqqas jiżdiedu n-numru ta' opri f'kull korsa b'sistema ta' heats, titjib fl orga nizzazzjoni tar-Regatta u ħafna oħrajn. Siltiet meħudin minn diversi rapporti sportivi differenti mhux biss isaħħu l-fehmiet espressi ta' dawn id-dilettanti iżda juru wkoll l-urġenza li l-organizzazzjoni tistudja sewwa s-sitwazzjoni attwali u tara x'jista' jsir immedjatament biex din it-tradizzjoni terġa' tibda tiġbed in-nies, partikolarment dawk li jgħixu madwar iż-żewġ portijiet.

Fl-1993, kittieb sportiv ikkritikata bl-aħrax lill-Assoċjazzjoni tar-Regatta għall-ħinijiet twal bejn korsa u oħra kif ukoll wera tħassib kbir dwar in-nuqqas ta' nies li jsegwu r-Regatta: *'... din is-sena spikka ħafna n-nuqqas ta' l-entużjażmu u wisq aktar l-interess mill-pubbliku. Fattur li kompla għarraq is-sitwazzjoni kien id-dewmien sostanzjali biex jingħata l-bidu għall-ewwel tiġrija, li t-tluq tagħha sar xejn inqas minn siegħa wara l-ħin previst. Sa kmieni wara nofs in-nhar kien diġà jidher ċar li l-attendenza tal-pubbliku għal dan l-avveniment tradizzjonali kienet se tkun diżappuntanti. Hija ħasra li minn sena għal sena, minkejja t-tentattivi kollha li jingħad li jsiru bil-għan li jerġa' jitkattar l-interess, it-tiġrijiet tar-Regatta qegħdin dejjem ikomplu jnaqqsu mill-popolarita' tagħhom ... ħafna kienu tal-fehma li l-interess fir-Regatta seta' kien qed jonqos minħabba d-dewmien li jkun hemm fl-istennija bejn tiġrija u oħra joħloq din il-monotonija...'* Kumment ieħor mill-istess kittieb jgħid hekk:. *'...ħaġa li żgur iddiżappuntat lil kulħadd, inkluż lill-organizzaturi nfushom, kien id-dewmien fil-bidu ta' l-ewwel tiġrija, bil-konsegwenza li t-tluq tagħha sar siegħa tard billi din bdiet għall-ħabta tas-2.30pm. Dan ġara minħabba li l-istarting line, li kien ħdejn Ras Ħanżir il-Marsa, inqala' minn postu u l-qaddiefa flimkien mad-delegati tad-distretti rispettivi tagħhom oġġezzjonaw li jibdew it-tiġrija mingħajru. Din is siegħa differenza fil ħin ħarbtet għal kollox il-programm li kien previst bir-riżultat li sakemm intemm kollox il-ħin kien daħal ġmielu...'*

*ikompli f'ħarġa oħra*

ISLA MARSA MARSAMXETT BORMLA BIRGU KALKARA BIRŻEBUĠĠA

## Kampjonat 1956-57

# Floriana ifallu l-ewwel punt fi draw kontra Hibernians

It-Tielet Ġurnata

**17-11-1956:**
**Valletta FC – Hibernians FC 2-0**
**H.T 1-0**
**Ref: George Bonello**
**Skurjaw: S. Rapinett (V) 46' u F. Zammit (V) 55'**
**Att: 2,196**

*Valletta FC:* Pawlu Montebello, Walter Bone, Edwin 'Dwinu' Schembri, Joe 'It-Tichy' Grech, Joe Cilia, Karm Borg, Sunny Curmi, Josie Urpani, Nenu 'Il-Wiżża' Mackay, Frankie Zammit, Silvio Rapinett.

*Hibernians FC:* Edwin Gili, Colin Tabone, Leli 'L-Għawdxi' Attard, Joe 'Puskas' Muscat, Louis Theobald, Sunny Anastasi, Leli Spiteri, Maurice Vella Borg, Freddie Abela, Fredu Church, Lorry 'Il-Geġiġa' Cassar.

1. Valletta FC tilfu lid-difensur Joe Agius wara li dan emigra lejn il-Kanada. Minflok Agius iddebutta l-plejer Walter Bone.

2. L-ewwel goal ta' Valletta wasal minuta fuq il-ħin tal-ewwel taqsima wara li matul l-ewwel taqsima kienu weġġgħu l-goalkeeper Montebello u Louis Theobald. Fil-fatt il-goal Belti wasal minn *drop ball* wara li l-logħob kien waqaf sabiex jiddewwa Theobald.

**18-11-1956:**
**Floriana FC – Birkirkara FC 1-0**
**H.T 0-0**
**Ref: George Degiorgio**
**Skorja: P. Demanuele (F) 83'.**
**Att: 4,177**

*Floriana FC:* Edwin Zammit, Lolly Debattista, Roy Swift, Joe Cini, Tony Dalli, Ġużi Bennetti, Żarenu Alamango, Lolly Borg, Tony 'Il-Majsi' Cauchi, Charlie 'In-Najsu' Bennetti, Pullu 'Il-Koku' Demanuele.

*Birkirkara FC:* Lolly Rizzo, Frans Cassar, Johnnie Gatt, George Dalli, Louis 'Ir-Russu' Gauci, Lino Lanzon, Frans 'Il-Lula' Bonnici, Norman Bell, Joseph Farrugia, Louis Bugeja, Ġużi 'Il-Gross' Pisani.



Azzjoni mill-partita Floriana v Sliema Wanderers

1. Pullu Demanuele, li skorja l-uniku goal tal-logħba seba' minuti mit-tmiem, sa dak il-ħin kien qed ikollu partita kwieta tant li kien safa fil-mira ta' xi tgħajjir mill-partitarji tiegħu stess. Mal-goal Demanuele ġera lejn dawk li kienu qed jgħajruh biex jiżvoga r-rabja tiegħu magħhom.

2. Fis-26 minuta, Floriana kienu in-għataw penalty mir-referee Degiorgio iżda wara protesti ħorox mill-plejers ta' Birkirkara u wara konsultazzjoni mal-linesman il-penalty ma ngħatalhomx. Fil-fatt wara li x-xutt ta' Żarenu Alamango ħabat mal-lasta, id-difensur George Dalli b'sidru u mhux b'idu għadda l-ballun lill-goalkeeper sieħbu Lolly Rizzo. Il-logħob kompla bi *drop-ball*.

3. Tony Dalli ta' Floriana u George Dalli ta' Birkirkara huma aħwa. Ħuhom iż-żgħir Billy Dalli kien jilgħab ma' Floriana kemm fil-kampjonat tar-Reserves kif ukoll mall-Minors.

**24-11-1956:**
**Floriana FC – Rabat FC 5-1**
**H.T 2-1**
**Ref: R.S.M Carmel Galea (R.M.A)**
**Skurjaw: T. Cauchi (F) 10' u 30', R. Agius (R) 38', T. Cauchi (F) 71', C. Bennetti (F) 75' u Ż. Alamango (F) 83'**
**Att: 3,531**

*Floriana FC:* Edwin Zammit, Lolly Debattista, Roy Swift, Joe Cini, John Delia, Ġużi Bennetti, Żarenu Alamango, Lolly Borg, Tony 'Il-Majsi' Cauchi, Charlie 'In-Najsu' Bennetti, Pullu 'Il-Koku' Demanuele.

*Rabat FC:* Anthony Micallef, Ruġġieru 'Iż-Ziemel' Spiteri, Frank Camenzuli, Johnnie 'Iz-Zikizokk' Azzopardi, John Calleja, Toni 'Il-Legdi' Azzopardi, Twanny 'Tal-Manager' Vassallo, Romeo 'Il-Mosti' Agius, Pawlu 'Il-Fulier' Said, Charlie Theuma, Peter 'Il-Glorja' Micallef.

1. It-tielet goal ta' Floriana wasal minn azzjoni ta' *drop-ball* wara li f'attakk ta' Rabat ir-referee Carmel Galea u l-plejer ta' Floriana Charlie Bennetti kienu ħabtu ras ma' ras u spiċċaw it-tnejn fl-art. Il-logħob waqaf sabiex jiddewwew u meta tkompla bi *drop-ball* Bennetti tefa' mill-ewwel pass fit-tul lejn Tony Cauchi li skorja t-tielet goal.

2. Minbarra li skorjaw ħames goals, Floriana laqtu wkoll tliet darbiet il-lasta minn Charlie Bennetti u Tony Cauchi li t-tnejn laqtu l-wieqfa fl-ewwel taqsima u minn Pullu Demanuele li laqat il-mimduda wara l-mistrieħ.

3. L-istess kif għamlu Valletta FC, anke Rabat FC daħħlu protest qud diem l-MFA kontra r-riżultat tal-partita minħabba li sostnew li l-plejer Joe Cini kien ineliġibbli għal-logħob.

L-MFA kienet għadha ma ħarġet bl-ebda deċiżjoni minħabba li kienet qed tikkonsulta mal-FA Ingliża fuq dan il-każ. Sadanittant Floriana komplew jinkludu li Joe Cini fil-formazzjoni tagħhom.

Kien biss fit-13 ta' Diċembru li l-Kunsill tal-MFA iddeċieda ż-żewġ protesti favur Floriana FC biex b'hekk ir-riżultat baqa' jgħodd.

**25-11-1956:**
**Sliema Wdrs. FC – Ħamrun Sp. FC 3-0**
**H.T. 0-0**
**Ref: Salvu Pirotta**
**Skurjaw: R. Buttigieg (S) 46, M. Walsh (S) 72' u o.g F. Sciberras (S) 83'.**
**Att: 6,998**

*Sliema Wdrs. FC*: Victor Scerri, Ġużi 'Gedumu' Bonnici, Lolly 'Tal-Mitejn' Cuschieri, Ninu Calleja, Salvu Bonnici, Alex Gollcher, Tony Nicholl, Salvinu Schembri, Maurice Walsh, Sammy Nicholl, Robbie Buttigieg.

*Ħamrun Sp. FC*: Ġużi 'Yumi' Bonnici, Salvu Azzopardi, Freddie 'Ix-Xibby' Sciberras, George Jones, Carmelo 'In-Nene' Grech, Armando Drago, Ġużi 'San Ġużepp' Buttigieg, Effie Borg, Ġużi 'Iz-Zizell' Psaila, Kelinu 'Tal-Bandieri' Camilleri, Franġisku Formosa.

1. Aktar sfortuna għal Ħamrun Spartans meta wara Leli Borg issa tilfu wkoll lid-difensur Salvu Azzopardi għall-bqija tal-istaġun wara li anke hu weġġa' l-irkoppa.

2. Id-difiża tal-Ispartans kienet f'serata allegra. Mhux biss Freddie Sciberras ikkommetta auto goal klassiku meta fit-tentattiv li jtajjar il-ballun minn saqajn Tony Nicholl kien spara fis-saqaf tax-xibka iżda wkoll fl-okkażjoni tal-ewwel goal, back pass ħażin ta' Drago qabeż lill-goalkeeper Bonnici bil-ballun jaħbat mal-wieqfa u Robbie Buttigieg daħal bil-ġirja u b'sidru tefa' il-ballun f'lasta vojta.

3. Sliema Wanderers kienu għadhom qed jilagħbu mingħajr Joe 'Jockey' Xuereb wara li kien qed jirkupra minn operazzjoni fl-irkoppa. L-operazzjoni kienet saret fis-7 ta' Novembru, 1956, fl-Isptar Re Ġorġ V (illum Sptar Pawlu Boffa). Minflok Xuereb, irritorna Maurice Walsh li kien ilu nieqes mit-team tal-Wanderers sena u nofs. Walsh kien irritorna għat-training ftit ġimgħat qabel u kien ħalla mpressjoni tajba f'partita ta' ħbiberija kontra Duke of Wellington Regiment. Walsh skorja fir-ritorn tiegħu.

4. Għal din il-partita Ħamrun Spartans żanżnu sett flokkijiet ġodda – flokkijiet ħomor kollha b'żewġ rigi suwed fin-nofs u qliezet suwed.

Klassifika: Floriana FC 8 pti.; Sliema Wdrs. FC 6 pti.; Valletta FC 5 pti.; Rabat FC 3 pti.; Birkirkara FC, Marsa FC, Hibernians FC u Ħamrun Sp. FC 2 pti.

(Sliema Wdrs. FC u Marsa FC lagħbu partita inqas).

L-Aqwa Skorers: T. Cauchi (Floriana FC) 5 goals u N. Mackay (Valletta FC) 3 goals.

## Ir-Raba' Ġurnata

**01-12-1956:**
**Floriana FC Hibernians FC 0-0**
**Ref: Joseph Genovese**
**Att: 2,098**

*Floriana FC*: Edwin Zammit, Lolly Debattista, Roy Swift, Joe Cini, John Delia, Freddie Vella James, Żarenu Alamango, Lolly Borg, Tony 'Il-Majsi' Cauchi, Charlie 'In-Najsu' Bennetti, Pullu 'Il-Koku' Demanuele.

*Hibernians FC*: Micallef, Colin Tabone, Leli 'L-Għawdxi' Attard, Maurice Vella Borg, Louis Theobald, Sunny Anastasi, Leli Spiteri, Fredu Church, Charlie 'Kinnie' Schembri, Leli Sultana, Lorry 'Il-Geġiġa' Cassar.

1. Floriana fallew l-ewwel punt tal-Kampjonat.

2. Floriana dehru jaslu fil-ground minuta qabel il-kick-off. Il-partita bdiet kwarta tard fit-3.00 p.m. u spiċċat kważi fid-dlam u taħt xita bil-qliel.

3. Għal Hibernians iddebutta l-goalkeeper Micallef minħabba li Edwin Gili kien għamel il-punti f'idejh.

4. Floriana daħħlu protest kontra r-riżultat ta' din il-partita minħabba li sostnew li l-goalkeeper Micallef ta' Hibernians FC kien lagħab ma' team tal-MAFA. Dan l-istaġun kien ikkaratterizzat mill-ġlieda qalila bejn l-MFA u l-MAFA li kienet immexxija mill-ex Teżorier tal-MFA Charles Debono.

Fil-fatt ftit ġranet qabel, il-klabbs tal-MFA kienu nħasdu meta f'partita tat-Tieni Diviżjoni Żebbuġ Rngers rebħu protest kontra Żejtun Corinthians wara li dawn għamlu użu mill-plejer Delia li kien lagħab ma' team tal-MAFA. Il-klabbs kienu konxji li kien hemm diversi plejers minn tagħhom li kienu jilagħbu maż-żewġ Assoċjazzjonijiet. Floriana ma kienx irnexxielhom iġibu prova sodisfaċenti fuq il-goalkeeper Micallef biex ir-riżultat baqa' jgħodd.

**02-12-1956:**
**Valletta FC – Marsa FC 3-1**
**H.T 2-1**
**Ref: Turu Lentini**
**Skurjaw: Ġ. Dimech (M) 22', F. Borg (V) 33', o.g L. Borg Bonaci (V) 38' u N. Mackay (V) 70'.**
**Att: 2,726**

*Valletta FC*: Pawlu Montebello, Walter Bone, Edwin 'Dwinu' Schembri, Joe 'It-Tichy' Grech, Joe Cilia, Karm Borg, Sunny Curmi, Josie Urpani, Nenu 'Il-Wiżża' Mackay, Frankie Zammit, Alfred 'Il-Waniż' Borg.

*Marsa FC*: Salvu Alamango, Ernie Glynn, Grech or Frans Borg (Bulettin), Ġużi 'Ta' Pranza' Attard, Leli Borg Bonaci, Vidal, Willie Bowerman, Carmel 'Is-Suldat' Spiteri, Ġużi 'Ir-Rumba' Dimech, Fredu 'Steak' Abela, Edward Azzopardi.

1. Leli Borg Bonaci, eks Valletta FC u Melita, iddebutta ma' Marsa FC wara li dawn akkwistawh ħamest ijiem qabel mingħand Balzan Youths. Borg Bonaci ftit kellu debutt feliċi meta kkommetta autogoal wara li xellef fix-xibka tiegħu stess cross ta' Sonny Curmi minn angolu mpossibbli.

**08-12-1956:**
**Ħamrun Sp. FC – Rabat FC 4-0**
**H.T 2-0**
**Ref: George Bonello**
**Skurjaw: G. Jones (Ħ) 13' u 20', o.g R. Spiteri (Ħ) 75' u G. Jones (Ħ) pen. 86'.**
**Att: 3,410**

*Ħamrun Sp. FC*: Ġużi 'Yumi' Bonnici, Freddie Falzon, Freddie 'Ix-Xibby' Sciberras, Effie Borg, Carmelo 'In-Nene' Grech, Armando Drago, Ġużi 'San Ġużepp' Buttigieg, George Jones, Ġużi 'Iz-Zizell' Psaila, Kelinu 'Tal-Bandieri' Camilleri, Franġisku Formosa.

*Rabat FC*: Tony Micallef, Ruġġieru 'Iż-Żiemel' Spiteri, Frank Camenzuli, Johnnie 'Iz-Zikizokk' Azzopardi, Tony 'Il-Legdi' Azzopardi, Romeo 'Il-Mosti' Agius, Pawlu 'Ta' L-Imtarfa' Vassallo, Twanny 'Tal-Manager' Vassallo, Pawlu 'Il-Fulier' Said, Charles Theuma, Peter 'Il-Glorja' Micallef.

1. Skond il-ġurnal il-Berqa, it-tielet goal Ħamruniż ma wasalx minn autgoal ta' Spiteri meta skond ir-rapport tagħhom kien l-attakkant Ġużi Psaila li xellef il-cross ta' George Jones għal ġox-xibka. Il-ġurnali l-oħra kollha semmew li kien hemm devjazzjoni ta' Ruġġieru Spiteri fuq ix-xutt ta' Psaila.

2. Leli Borg 'It-Tirjule' ta' Ħamrun Spartans li kien mistenni jirritorna għal-logħob tħabbar li ser jagħmel perijodu ieħor barra minħabba li tlitt ijiem qabel kien għamel it-tieni operazzjoni tal-cartilage. Huwa kien ilu xahar nieqes.

**09-12-1956:**
**Sliema Wdrs. FC – Birkirkara FC 3-0**
**H.T 2-0**
**Ref: Turu Lentini**
**Skorja: S. Nicholl (S) 4', 40' u 85'.**
**Att: 5,336**

*Sliema Wdrs. FC*: Victor Scerri, Ġużi 'Geddumu' Bonnici, Lolly 'Tal-Mitejn' Cuschieri, Ninu Calleja, Rene Formosa, Alex Gollcher, Tony Nicholl, Salvinu Schembri, Maurice Walsh, Sammy Nicholl, Robbie Buttigieg.

*Birkirkara FC*: Lolly Rizzo, Frans Cassar, Johnnie Gatt, George Dalli, Louis 'Ir-Russu' Gauci, Lino Lanzon, Frans 'Il-Lula' Bonnici, Stephen Samut Tagliaferro, Norman Bell, Joe Pisani, Pawlu Carbonaro.

1. Sliema Wanderers kienu qed jilagħbu mingħajr Salvu Bonnici minħabba li kien ma jiflaħx. Minfloku daħal Rene Formosa.

2. Fl-okkażjoni tat-tieni goal tal-Wanderers Birkirkara kienu pprotestaw għall-penalty favur tagħhom bir-referee Lentini jħalli logħob għaddej biex il-Wanderers skorjaw fuq in-naħa l-oħra. F'din l-azzjoni weġġa' Alex Gollcher li daħal lura eżatt qabel il-mistrieħ.

3. It-tliet goals ta' Sammy Nicholl kollha waslu minn cross ta' Maurice Walsh, it-tielet goal minn corner.

Klassifika: Floriana FC 9 pti.; Sliema Wdrs. FC 8 pti.; Valletta FC 7 pti.; Ħamrun Sp. FC 4 pti.; Rabat FC u Hibernians FC 3 pti.; Birkirkara FC u Marsa FC 2 pti.

(Sliema Wdrs. FC u Marsa FC lagħbu partita inqas).

L-Aqwa Skorers: T. Cauchi (Floriana FC) 5 goals; N. Mackay (Valletta FC) 4 goals; S. Nicholl (Sliema Wdrs. FC) u G. Jones (Ħamrun Sp. FC) 3 goals.

EuroSport
Malta's Leading Sports & Casual Shops




# Spot the Ball u irbaħ

## Flokk ta' Chelsea

Kull xahar għandek iċ-ċans tirbaħ ma' Sportiv. Ibgħat is-Soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Ottubru, 2012.

Sportiv Magazine, Kompetizzjoni Spot the Ball, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000. Flimkien mat-tweġiba tiegħek ikteb l-isem, il-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telefon. Ir-rebbieħ jingħata flokk ta' Chelsea ġentilment mogħti lilna minn Eurosport.

### Soluzzjoni Ħarġa nru. 65

**Ir-Rebbieħ tal-Kompetizzjoni "Spot the Ball" ta' Ħarġa nru. 65 huwa:**

**Simon Sant - Mellieħa**





IRBAĦ €150 VOUCHER MA'

Le MERIDIEN
ST. JULIANS HOTEL & SPA

# SPORTIV Tisliba

Kull xahar għandek iċ-ċans tirbaħ ma' Sportiv. Ibgħat is-Soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Ottubru, 2012

**Sportiv Magazine Kompetizzjoni Tisliba, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000.**

## Soluzzjoni Ħarġa nru. 65

| | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| W | E | N | L | O | C | K | | S | I | L | I | N | G |
| I | | E | | U | | U | R | U | | O | | G | |
| L | E | S | O | T | H | O | | A | L | C | O | R | N |
| L | | A | | | A | | | R | | H | | | I |
| I | S | R | A | E | L | | J | E | | T | A | E | K |
| A | | | B | | L | U | I | Z | | E | | | K |
| M | A | S | S | U | | | N | | S | | C | A | I |
| | B | | A | | P | I | G | O | T | | H | | |
| C | A | R | L | | E | | | | E | B | A | T | A |
| | T | | O | | S | | S | O | F | | | O | |
| R | E | I | N | I | S | C | H | | A | | O | M | A |
| Y | | N | | | A | | A | R | N | D | T | | B |
| O | | N | | J | O | S | H | | I | | A | | A |
| K | A | I | N | | | U | | | N | | K | A | L |
| O | | S | | Y | A | N | | F | I | J | I | | O |

Isem ____________

Indirizz ____________

Email ____________

Ir-rebbieħa tal-Ħarġa Nru. 65 ta' Awwissu 2012 hija: Daniela Testa - Birkirkara

**Mimdudin**

1) Il-mibki jockey Malti George "Il-......" Schembri (6)
7) Alex, atleta promettenti Malti fl-Ibburdjar (8)
8) Rose, basktiboler Amerikan ta' Chicago Bulls (7)
9) "....... Tejy", żiemel Franċiż ta' 9 snin (7)
10) "Estadio ....", stadium Messikan fl-1970 u 1986 (4)
12) "100 ......", l-aktar tellieqa eċċitanti fl-Atletika (6)
15) u 25) Traianos, awtur tal-gowl rebbieħ fil-Euro 2004 (6)
16) Rafael van der ....., midfielder offensiv Olandiż (5)
18) Belt Kanadiża li ospitat l-Olimpjadi tas-Sajf fl-1976 (6)
19) u 20) Issibu fuq wara tal-Frejgatina fir-Regatta ta' Malta (4)
20) Ara 19 Mimdudin
21) Luis del ..., midfilder Spanjol ta' Juventus 1962-1970 (3)
23) Valentino, "Il Dottore" tad-Ducati fil-Moto GP (5)
25) Ara 15 Mimdudin
26) u 32) Arouna, attakkant ta' Wigan Athletic FC (4)
27) Gejtu "Il-....." Psaila, iddebutta ma' Hamrun S. fl-1910 (5)
29) Peter, midfielder internazzjonali Ingliż 1985–1988 (4)
31) Dixxiplina tat-tiraturi Darren Vella u Clive Farrugia (5)
32) Ara 26 Mimdudin
33) Patrice, left-back Franċiż ta' Man Utd (4)
35) L-eks klabb Belġjan tal-"Bużu" (4)
36) Lionel Andrés ..... Cuccitini (5)

**Weqfin**

1) Alessandro, midfielder ta' Brescia misluf lil Torino (5)
2) William, l-attakkant Brażiljan ta' Valletta FC (7)
3) Muscat, għawwiem promettenti ta' Neptunes WPSC (4)
4) Luciano, kowċ attwali ta' Zenit St. Petersburg FC (9)
5) Il-lasti tal-futbol - tnejn weqfin u waħda ....... (7)
6) "Money ...", żiemel Svediż ta' 10 snin (3)
7) Benoiet Assou-......, left-back ta' Tottenham Hotspur (6)
11) Grima, delegat Malti fil-European Handball Federation (4)
12) Tim tat-Tielet Diviżjoni Maltija tal-Futbol (6)
13) Rebecca Thorensen, basktiboler internazzjonali Maltija (1,1)
14) Oldham, ġinnasta Brittaniku f'Londra 2012 (3)
17) Kaz, Nik u ..., mascots tal-FIFA World Cup 2002 (3)
20) Bolt, wieħed hawn! (5)
21) Helmut, kowċ tal-Ġermanja tal-Punent 1964–1978 (6)
22) John, plejer ta' Marsaskala Waterpolo Club (6)
24) Wara ż-żiemel u taħt Raymond Clifton! (6)
25) u 34) Capirossi, motoċiklist Taljan li rtira fl-2011 (5)
28) Alexander Dale, l-għawwiem Norveġiż li miet 5 xhur ilu (3)
30) Il-laqam ta' Dejan Stankovic ta' Inter FC (4)
34) Ara 25 Weqfin



# YOU'VE GOT THE POWER.
## WE'VE GOT THE REST.

**VISIT US NOW.**
lemeridienmalta.com/fitness-gym-malta
or call 2311 2861.

Le Méridien
**Lotus Fitness Center**

LE MERIDIEN ST. JULIANS
HOTEL + SPA
39, MAIN STREET, BALLUTA BAY ST JULIANS STJ 1017
T: +356 2311 0000
sales.malta@lemeridien.com
lemeridienmalta.com

Le MERIDIEN
ST. JULIANS HOTEL & SPA

N 55° 35′ E 30° 14′




offerta limitata

Il-ħames sena
3.6%

Ir-raba' sena
3.2%

Il-tielet sena
2.9%

It-tieni sena
2.7%

L-ewwel sena
2.6%

## kont fiss ta' 5 snin fil-munita ewro

L-offerta hija valida mis-17 ta' Settembru 2012 sat-30 ta' Novembru 2012 u tista' tagħlaq qabel skond id-diskrezzjoni tal-Bank.

*Impenn lejn is-suċċess tiegħek.*

**BOV TERM DEPOSIT**

**2131 2020 | bov.com**

Maħruġ mill-Bank of Valletta p.l.c.
58, Triq Żakkarija
Valletta VLT 1130 - Malta

BOV34387

Depożitu minimu ta' €1,000.
15% Final Witholding Tax tista' titnaqqas mill-imgħax. L-imgħax jitħallas kull sitt xhur.
Termini u kundizzjonijiet japplikaw.

BOV
Bank of Valletta